EBA/GL/2015/10

22.09.2015

# Linji gwida

## dwar il-metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti

| | Data |
|---|---|
| Oriġinali:<br>➢**0** | 22.09.2015 |
| Ikkoreġut: paragrafu 58 u Anness 1 (paragrafu 21)<br>➢**C1** | 13.06.2016 |

# Linji gwida tal-EBA dwar metodi għall-kalkolu ta’ kontribuzzjonijiet għall-iskemi ta’ garanzija tad-depożiti

## Status ta’ dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta’ rapportar

3. B’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma’ dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta’ konformità, sa 22.11.2015. Fin-nuqqas ta’ kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza ‘EBA/GL/2015/10’. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b’awtorità xierqa li jirrapportaw f’isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta’ konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f’konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

# Titolu I - Is-suġġett, il-kamp ta’ applikazzjoni u d-definizzjonijiet

## Suġġett

5. Id-Direttiva l-ġdida 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta’ April 2014 dwar skemi ta’ garanzija tad-depożiti (Direttiva 2014/49/UE), li tifformula mill-ġdid id-Direttiva 94/19/KE u l-emendi sussegwenti tagħha, ġiet ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali tat-12 ta’ Ġunju 2014[2]. Id-Direttiva 2014/49/UE tarmonizza l-mekkaniżmi ta’ finanzjament tal-iskemi ta’ garanzija tad-depożiti (SGD) u tawtorizza l-ġbir ta’ kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju. Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/49/UE, il-kontribuzzjonijiet lill-SGD għandhom ikunu bbażati fuq l-ammont ta’ depożiti koperti u l-grad ta’ riskju mġarrab mill-membri rispettivi. Is-SGD jistgħu jiżviluppaw u jużaw il-metodi tagħhom stess biex jikkalkolaw -il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju mill-membri tagħhom. Kull metodu jrid jiġi approvat mill-awtorità kompetenti b’kooperazzjoni mal-awtorità maħtura. L-EBA trid tiġi informata dwar il-metodi approvati.
6. L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2014/49/UE jistipula li l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għandu jkun proporzjonali għar-riskju tal-membri u għandu jieħu kont dovut tal-profili ta’ riskju tal-mudelli varji ta’ negozju. Dawk il-metodi jistgħu jikkunsidraw ukoll in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ u l-indikaturi tar-riskju, bħall-adegwatezza kapitali, il-kwalità tal-assi u l-likwidità.
7. Dawn il-linji gwida jissodisfaw il-mandat mogħti lill-EBA skont l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, sabiex toħroġ linji gwida biex jiġi speċifikat il-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-SGD u b’mod partikolari, li tali linji gwida, għandhom jinkludu formula ta’ kalkolu, indikaturi speċifiċi, klassijiet tar-riskju għall-membri u limiti għall-piżijiet tar-riskju assenjati lil klassijiet tar-riskju speċifiċi u elementi oħra meħtieġa.
8. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw l-għanijiet u l-prinċipji li jirregolaw l-iskemi ta’ kontribuzzjoni tas-SGD. Jipprovdu wkoll gwida dwar elementi speċifiċi li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-metodi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq riskju, filwaqt li jindirizzaw kif xieraq il-karatteristiċi tas-setturi bankarji nazzjonali u l-mudelli ta’ negozji tal-istituzzjonijiet membri.

## Definizzjonijiet

9. Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/49/UE, għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[2] Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti, ĠU L 173, 12.6.2014, pp. 149–178.

a. "skema ta' kontribuzzjoni għas-SGD" tfisser l-arranġament finanzjarju tas-SGD li hija intitolat li tiġbor mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħha, kemm kontribuzzjonijiet *ex-ante* kif ukoll kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post*;

b. "metodu ta' kalkolu" tfisser il-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ta' istituzzjonijiet membri għal SGD;

c. "istituzzjoni membru" tfisser istituzzjoni ta' kreditu, kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[3], affiljat ma' SGD partikolari;

d. "livell annwali fil-mira" tfisser l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li SGD tippjana li tiġbor f'sena speċifika mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħha;

e. "SREP" tfisser rieżami superviżorju u proċess ta' evalwazzjoni kif definit fl-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE[4] li huma speċifikati b'mod ulterjuri fil-linji gwida tal-EBA dwar il-proċeduri komuni u l-metodoloġiji għal SREP żviluppati b'konformità mal-Artikolu 107 tad-Direttiva 2013/36/UE.

Taqsiriet:

a. SGD – skema ta' garanzija tad-depożiti

b. IPS – skema ta' protezzjoni istituzzjonali

## Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet maħtura kif definiti rispettivament fl-Artikolu 2(1)(17) u (18) tad-Direttiva 2014/49/UE.

11. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li dawn il-linji gwida jiġu applikati mis-SGD meta jiżviluppaw metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju mill-membri tagħhom, u li jintużaw meta dawn il-metodi ta' kalkolu jiġu approvati b'konformità mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.

12. Meta l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet maħtura jkunu responsabbli għall-iżvilupp ta' metodu ta' kalkolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida.

13. Il-metodi ta' kalkolu għandu jkun applikabbli kemm għall-kontribuzzjonijiet *ex-ante* kif ukoll għall-kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post*. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet *ex-post* għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-istess kategorizzazzjoni tar-riskju bħal dik applikata għall-finijiet tal-aħħar kontribuzzjonijiet annwali *ex-ante*

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.06.2013, p. 1.

[4] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU 176, 27.06.2013, p. 338.

14. Is-SGD għandhom ifittxu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti qabel l-implimentazzjoni inizjali tal-metodu ta' kalkolu. Is-SGD għandhom jiksbu t-tiġdid tal-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza li l-awtoritajiet kompetenti jidhrilhom xierqa u fi kwalunkwe każ, qabel l-introduzzjoni ta' kwalunkwe bidla materjali għal metodu ta' kalkolu diġà approvat. Bidliet mhux materjali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti kull sena.

15. Skont l-Artikolu 15(1) tad-direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-fergħat stabbiliti fit-territorju tagħhom minn istituzzjoni ta' kreditu li għandha l-uffiċċju ewlieni tagħha barra mill-Unjoni għandhom protezzjoni ekwivalenti għal dik prevista fid-Direttiva 2014/49/UE. Jekk il-protezzjoni ma tkunx ekwivalenti, l-Istati Membri jistgħu, soġġett għall-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, jistipulaw li dawk il-fergħat għandhom jissieħbuma' SGD fit-territorji tal-Istat Membru. Is-SGD xorta waħda dejjem huma marbuta mill-obbligi li jiġbru kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju mingħand il-membri tagħhom skont l-Artikoli 10 u 13 tad-Direttiva 2014/49/UE.

16. Skont l-Artikolu 47 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżiti prudenzjali u t-trattament superviżorju tal-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Ħafna mill-metrika tal-aġġustament tar-riskju pprovduta minn dawn il-linji gwida ma tapplikax għal dawn il-fergħat u, għaldaqstant, xieraq li l-Istat Membru jkollu s-setgħa li jispeċifika l-aġġustament tar-riskju għal tali fergħat b'mod konsistenti mat-trattament mogħti lilhom skont il-liġi nazzjonali. Għalhekk, il-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiż terz ma għandhomx jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

# Titolu II- Gwida dwar l-iżvilupp ta' metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għas-SGD

## Parti I – L-objettivi għal skemi ta' kontribuzzjoni għas-SGD

17. L-iskemi ta' kontribuzzjoni għandhom:

   a. jiżguraw li, fil-prinċipju, il-kost tal-finanzjament tas-SDG jiġġarrab mill-istituzzjonijiet ta' kreditu stess, u li l-kapaċità finanzjarja tas-SGD tkun proporzjonata għall-obbligazzjonijiet tagħhom.

   b. jiżguraw li l-livell fil-mira jintlaħaq fil-perjodu ta' tiswir stabbilit fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/49/UE;

c. jgħinu fil-mitigazzjoni tal-inċentivi għal teħid eċċessiv ta' riskju minn istituzzjonijiet membri billi jinġabru kontribuzzjonijiet ogħla mingħand istituzzjonijiet li għandhom riskju ikbar; dan għandu jiżgura wkoll li istituzzjonijiet li fallew ikunu kkontribwixxew kif xieraq bil-quddiem.

## Parti II – Il-prinċipji għall-iżvilupp tal-metodi ta' kalkolu

18. Is-SGD, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet maħtura, filwaqt li jiżviluppaw u japprovaw il-metodi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lis-SGD, għandhom jikkonformaw mal-prinċipji elenkati fil-paragrafi li ġejjin.

### Prinċipju 1: kemm jista' jkun, il-metodi ta' kalkolu għandhom jirriflettu obbligazzjoni ikbar imġarrba minn SGD minħabba l-parteċipazzjoni ta' membru

19. Meta dan ikun possibbli, il-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni membru għandha tirrifletti:

- il-probabbiltà li l-istituzzjoni tfalli (jiġifieri jekk l-istituzzjoni hix qed tfalli jew hix mistennija li tfalli skont it-tifsira tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE[5] dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (Direttiva 2014/59/UE);
- it-telf potenzjali li jirriżulta mill-intervent ta' SGD, fuq bażi netta wara rkupri potenzjali mill-patrimonju ta' falliment tal-istituzzjoni li falliet.

### Prinċipju 2: il-metodi ta' kalkolu għandhom ikunu konsistenti mal-perjodu ta' tiswir previst fid-Direttiva 2014/49/UE

20. Il-perjodu ta' tiswir għal-livell fil-mira previst fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE mhux ser ikun itwal minn 10 snin. Jista' jiġi estiż b'erba' snin oħra jekk ikun hemm żborż kumulattiv li jaqbeż iż-0.8% tad-depożiti koperti. Sa dak il-perjodu, il-kontribuzzjonijiet għandhom jinfirxu b'mod kemm jista' jkun ekwu fuq iż-żmien sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa għal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt proċilkliku li l-kontribuzzjonijiet jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet membri.

21. F'kull każ, id-Direttiva 2014/49/UE xorta waħda ma żżommx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu livell fil-mira ogħla jew milli jipprovdu li SGD tista' titlob lil istituzzjonijiet membri sabiex jagħmlu kontribuzzjonijiet *ex-ante* anke wara li jintlaħaq il-livell fil-mira sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-paragrafu 17(c).

### Prinċipju 3: l-inċentivi pprovduti mill-kontribuzzjonijiet lis-SGD għandhom jiġu allinjati mar-rekwiżiti prudenzjali

22. Sabiex jiġi mitigat il-periklu morali, l-inċentivi pprovduti mill-iskema ta' kontribuzzjoni għas-SGD għandha tkun kompatibbli mar-rekwiżiti prudenzjali (jiġifieri r-rekwiżiti tal-kapital u tal-likwidità li jirriflettu r-riskju tal-istituzzjoni membru).

---

[5] Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, ĠU L 173, 12.6.2014. p.190-348.

23. B'mod partikolari, jekk il-metodi ta' kalkolu jiġu żviluppati u kkalibrati bl-użu ta' għodod statistiċi u ekonometriċi, l-eżitu tal-metodoloġija rigward ir-riskju tal-istituzzjonijiet membri għandu jkun konsistenti mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet.

### Prinċipju 4: il-metodi ta' kalkolu għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur bankarju u għandhom ikunu kompatibbli mar-reġim regolatorju u l-prattiki ta' kontabbiltà u tar-rapportar fl-Istat Membru fejn hija stabbilita s-SGD

24. Il-metodi ta' kalkolu għandhom ikunu xierqa għall-istruttura tas-settur bankarju fi Stat Membru. Għalhekk, SGD stabbiliti fl-Istati Membri b'numru kbir ta' istituzzjonijiet eteroġeni għandhom jiżviluppaw metodi ta' kalkolu iktar sofistikati, u japplikaw numru kbir biżżejjed ta' klassijiet ta' riskju (jew approċċ ta' sliding scale) sabiex issir differenzazzjoni xierqa bejn l-istituzzjonijiet skont il-profil tar-riskju tagħhom. SGD stabbiliti fi Stati Membri b'settur bankarju iktar omoġenu għandhom jużaw metodi ta' kalkolu iktar sempliċi. L-indikaturi tar-riskju magħżula għall-metodu ta' kalkolu xorta waħda dejjem għandhom jippermettu lis-SGD sabiex jaqbdu differenzi adegwati fil-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet filwaqt li jqisu l-mudell ta' negozju tagħhom.

### Prinċipju 5: ir-regoli għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għandu jkun oġġettiv u trasparenti

25. Sistemi ta' kontribuzzjoni bbażati fuq ir-riskju għandhom ikunu oġġettivi u jiżguraw li istituzzjonijiet li jiġbru depożiti li għandhom karatteristiċi simili (b'mod partikolari f'termini ta' riskju, importanza sistemika u mudell ta' negozju) jiġu kkategorizzati b'mod simili.

26. Skemi ta' kontribuzzjoni għas-SGD għandhom ikunu trasparenti, jinftiehmu u spjegati tajjeb. Bħala minimu, il-bażi u l-kriterji użati għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għandhom ikunu trasparenti għall-istituzzjonijiet membri. It-trasparenza se tgħin lill-istituzzjonijiet membri jifhmu l-iskop tal-applikazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju u se jagħmlu l-iskema prevedibbli għalihom.

### Prinċipju 6: id-data meħtieġa għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ma għandhiex twassal għal rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali eċċessivi.

27. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet u sa fejn dan ikun possibbli, is-SGD għandhom jagħmlu użu mill-informazzjoni disponibbli għalihom jew mitluba minn istituzzjonijiet membri mill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-obbligi ta' rapportar tagħhom. Għandu jintlaħaq bilanċ bejn it-talba għal informazzjoni neċessarja għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet u l-evitar ta' talbiet għal informazzjonijiet mhux dovuti li joħolqu piż żejjed mill-istituzzjonijiet membri.

28. Is-SGD għandhom jirrikjedu biss data li ma tkunx diġà ġiet irrapportata fuq bażi regolari jekk tali informazzjoni tkun meħtieġa sabiex jiġi stabbilit ir-riskju li istituzzjonijiet membri joħolqu għas-SGD.

29. Fil-każijiet meta s-SGD ma tiġborx informazzjoni direttament mill-istituzzjonijjiet membri iżda tiddependi fuq informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti, għandhom jiġu stabbiliti jew dispożizzjonijiet statutorji jew arranġamenti formali sabiex l-informazzjoni meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tinġabar u tiġi trażmessa fil-ħin.

### Prinċipju 7: l-informazzjoni konfidenzjali għandha tiġi protetta

30. Is-SGD għandhom iżommu konfidenzjali l-informazzjoni li jużaw biex jikkalkolaw il-kontribuzzjonijiet u li ma tkunx pubblika b'xi mod ieħor. Madankollu, is-SGD għandhom jiżvelaw lill-pubbliku tal-inqas id-deskrizzjoni tal-metodu ta' kalkolu u l-parametri tal-formola tal-kalkolu, inklużi l-indikaturi tar-riskji iżda mhux bilfors il-piżijiet rispettivi tagħhom. Għall-kuntrarju, ir-riżultati tal-klassifikazzjoni tar-riskju u l-komponenti tagħhom għal istituzzjoni membru partikolari għandhom jiġu żvelati lil dik l-istituzzjoni u mhux lill-pubbliku.

### Prinċipju 8: il-metodi ta' kalkolu għandhom ikunu konsistenti mad-data storika rilevanti

31. Meta s-SGD ikollha aċċess għad-data storika rilevanti ta' istituzzjonijiet finanzjarji, din għandha tuża dik id-data meta tikkalibra u terġa' tikkalibra l-parametri tal-metodi ta' kalkolu. Għall-dan l-għan, data storika tista' tinkludi: (i) data dwar il-fallimenti ta' istituzzjonijiet u avvenimenti li fihom istituzzjoni kienet mistennija tfalli iżda l-falliment tagħha ġie evitat bis-saħħa ta' interventi tal-awtoritajiet pubbliċi, jew kwalunkwe avveniment ieħor meta r-riksji maħluqa mill-istituzzjonijiet membri għas-SGD ikunu seħħew verament; u (ii) data dwar ir-rati ta' rkupru tas-SGD mit-tali avvenimenti.

32. Għandhom isiru l-korrezzjonijiet xierqa għall-metodi ta' kalkolu f'każijiet li fihom ikunu seħħew bidliet regolatorji u istituzzjonali (pereżempju, bidla fil-livelli minimi tar-rekwiżiti kapitali regolatorji).

33. Qabel ir-rieżami tal-2017 ta' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqabblu r-riżultati miksuba bl-applikazzjoni tal-metodi ta' kalkolu mal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom imwettqa skont is-SREP. Dan il-paragun għandu jsir b'mod olistiku (pereżempju billi jintużaw kampjuni). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-EBA dwar l-eżitu olistiku ta' dan il-paragun u d-diskrepanzi osservati.

## Parti III – Elementi obbligatorji tal-metodi ta' kalkolu

34. L-elementi essenzjali għal kull metodu ta' kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għas-SGD għandhom jinkludu: (i) il-formola tal-kalkolu; (ii) il-limiti għal ponderazzjonijiet aggregati tar-riskju; (iii) il-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi ewlenin ta' riskju. Dawn l-elementi huma deskritti fil-paragrafi li ġejjin.

### *Element 1. Formula tal-kalkolu*

35. Il-kontribuzzjonijiet annwali għal SGD minn istituzzjonijiet membri individwali għandhom jiġu kkalkolati permezz tal-formula prevista hawn taħt.

$$C_i = CR \times ARW_i \times CD_i \times \mu$$

Meta:

| | | |
|---|---|---|
| $C_i$ | = | Il-kontribuzzjoni annwali mill-istituzzjoni membru "i" |
| CR | = | Ir-rata ta' kontribuzzjoni (l-istess għall-istituzzjonijiet membri kollha f'sena partikolari) |

$ARW_i$ = Il-ponderazzjoni tar-riskju aggregata għall-istituzzjoni membru "i"

$CD_i$ = Id-depożiti koperti għall-istituzzjoni membru "i"

$\mu$ = Il-koeffiċjent ta' aġġustament (l-istess għall-istituzzjonijiet kollha f'sena partikolari)

### *(a) Ir-rata ta' kontribuzzjoni (CR)*

36.Ir-rata ta' kontribuzzjoni hija r-rata perċentwali li għandha titħallas minn istituzzjoni membru b'ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW) li hija ekwivalenti għal 100% (jiġifieri li ma tassumi ebda differenzazzjoni tar-riskju) sabiex tilħaq il-livell annwali fil-mira. Matul il-perjodu inizjali, il-kalibrar tar-rata ta' kontribuzzjoni għandu jiżgura li jintlaħaq il-livell fil-mira u li l-kontribuzzjonijiet annwali jitqassmu b'mod kemm jista' jkun indaqs fuq iż-żmien.

37.Il-livell annwali fil-mira għandu jiġi stabbilit, bħala minimu, billi l-ammont tal-mezzi finanzjarji li s-SGD tkun għad trid tiġbor sabiex tilħaq il-livell fil-mira jiġi diviż bil-perjodu ta' tiswir li jifdal (mogħti fi snin) sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira. Madankollu, din il-formola hija mingħajr ħsara għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri sabiex jipprevedu li s-SGD ikomplu jiġbru l-kontribuzzjonijiet *ex-ante* anke wara li jintlaħaq il-livell fil-mira.

38.B'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, meta jiġi stabbilit il-livell annwali fil-mira, is-SGD jew l-awtorità maħtura għandha tieħu kont dovut tal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt li jista' jkollhom il-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' istituzzjonijiet membri. L-aġġustament ċikliku miksub permezz ta' livell annwali fil-mira miżjud jew imnaqqas għandu jiġi stabbilit sabiex jiġi evitat milli jinġabru kontribuzzjonijiet eċċessivi matul tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u sabiex ikun possibbli tiswir- iktar mgħaġġel tal-fond tas-SGD matul żieda fir-ritmu ekonomiku. L-aġġustament ċikliku għandu jqis l-analiżi tar-riskju li jkunu għamlu l-awtoritajiet makroprudenzjali relevanti maħtura u jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali kif ukoll il-perspettivi ta' terminu medju, peress li jista' jkun li diffikultajiet ekonomiċi persistenti ma jiġġustifikawx kontribuzzjonijiet baxxi għal dejjem. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu approvaw metodu proprju bbażat fuq ir-riskju skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2014/49/KE jistgħu jitolbu emenda tal-metodu ta' kalkolu sabiex dan jirrifletti l-iżviluppi b'mod xieraq fiċ-ċiklu tan-negozju li jkunu seħħew minn żmien l-approvazzjoni inizjali tal-metodu. L-aġġustament ċikliku jista' jqis ukoll l-evoluzzjoni mistennija fil-bażi tad-depożiti koperta.

39. Ir-rata ta' kontribuzzjoni għandha tiġi stabbilita mis-SGD fuq bażi annwali billi l-livell annwali fil-mira jiġi diviż bis-somma tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet membri kollha.

40.Meta, wara sejħa għal kontribuzzjonijiet, data relatata ma' xi istituzzjonijiet tkun teħtieġ aġġornament (pereżempju, sabiex jiġi kkoreġuti żbalji tal-kontabbiltà), is-SGD għandha tkun kapaċi tipposponi l-aġġustament għas-sejħa għal kontribuzzjonijiet li jmiss.

**Kaxxa 1 – Eżempju: L-effett tal-bidliet fl-ammont ta' depożiti koperti (CD) fuq il-livell fil-mira, il-livell annwali fil-mira u r-rata ta' kontribuzzjoni (CR)**

It-tabella li ġejja tippreżenta l-evoluzzjoni tal-ammonti ta' depożiti koperti fuq erba' snin konsekuttivi għall-istituzzjonijiet membri kollha affiljati ma' SGD partikolari. Hija turi livelli mmirati kkorrispondenti għal fondi SGD kkalkolati abbażi tal-ammonti kurrenti ta' depożiti koperti.

| Sena | Depożiti koperti (CD) (EUR miljuni) | Livell fil-mira (CD x 0.8%) (EUR miljuni) |
|---|---|---|
| Sena 20x1 | 1,000,000 | 8,000 |
| Sena 20x2 | 1,200,000 | 9,600 |
| Sena 20x3 | 1,300,000 | 10,400 |
| Sena 20x4 | 1,100,000 | 8,800 |

Għal kull sena, għandu jsir kalkolu tal-livell annwali fil-mira u tar-rata ta' kontribuzzjoni (CR) kif deskritt hawn taħt, skont il-preżunzjonijiet li ġejjin:

- fis-Sena 20x1 is-SGD tidba tiġbor il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħha bl-għan li tilħaq il-livell fil-mira fi żmien 10 snin;
- jeħtieġ li l-kontribuzzjonijiet jitqassmu fuq 10 snin b'mod kemm jista' jkun indaqs; kif ukoll
- kull sena, il-kontribuzzjonijiet miġbura mis-SGD ekwivalenti għal livell annwali fil-mira stabbilit għal dik is-sena.

**Sena 20x1**

Livell annwali fil-mira$_1$ = 1/10 × Il-livell fil-mira$_1$ = 1/10 × EUR 8,000 = EUR 800

$CR_1$ = Il-livell annwali fil-mira$_1$/$CD_1$ = EUR 800/EUR 1,000,000 = 0.00080 = 0.080%

Fl-aħħar tas-sena 20x1 il-fondi disponibbli għall-ammont tas-SGD għal EUR 800.

**Sena 20x2**

Il-livell annwali fil-mira$_2$ = 1/9 × (livell fil-mira$_2$ – Il-fondi diġà disponibbli fis-SGD) = = 1/9 × (EUR 9,600 - EUR 800) = EUR 8,800/9 = EUR 978

$CR_2$ = Il-livell annwali fil-mira$_2$/$CD_2$ = EUR 978/EUR 1,200,000 = 0.00081 = 0.081%

Fl-aħħar tas-sena 20x2, il-fondi disponibbli għall-ammont tas-SGD għal EUR 1,778 (= EUR 800 + EUR 978)

**Sena 20x3**

Il-livell annwali fil-mira$_3$ = 1/8 × (Il-livell fil-mira$_3$ – Il-fondi diġà disponibbli fis-SGD) = = 1/8 × (EUR 10,400 – EUR 1,778) = EUR 8,622/8= EUR 1,078

$CR_3$ = Il-livell annwali fil-mira$_3$/$CD_3$ = EUR 1,078/EUR 1,300,000 = 0.00083 = 0.083%

Fl-aħħar tas-sena 20X3, il-fondi disponibbli għall-ammont tas-SGD għal EUR 2,856 (= EUR 1,778 + EUR 1,078)

**Sena 20x4**

Il-livell annwali fil-mira$_4$ = 1/7 × (Il-livell fil-mira$_4$ – Fondi diġà disponibbli fis-SGD) = = 1/7 × (EUR 8,800 – EUR 2,856) = EUR 5,944/7 = EUR 849

| |
|---|
| $CR_4$ = Il-livell annwali fil-mira$_4$/$CD_4$ = EUR 849/EUR 1,100,000 = 0.00077 = 0.077% |
| Fl-aħħar tas-sena 20X4, il-fondi disponibbli għall-ammont tas-SGD għal EUR 3,705 (= EUR 2,856 + EUR 849) |

*(b) Ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW)*

41. Il-ponderazzjoni tar-riskju aggregata għal istituzzjoni membru "i" ($ARW_i$)għandha tiġi assenjata abbażi tar-riżultat tar-riskju aggregat għal dik l-istituzzjoni ($ARS_i$).

42. L-$ARS_i$ jiġi kkalkolat billi jingħaddu r-riżultati tar-riskju tal-indikaturi individwali kollha aġġustati għal ponderazzjonijiet ta' indikaturi xierqa. Żewġ metodi differenti għall-kalkolu tal-$ARS_i$ u l-assenjar tal-$ARW_i$ lill-istituzzjoni membru abbażi tal- $ARS_i$ tagħha, huma l-metodu "tal-barmil" u l-metodu "sliding scale", stabbiliti f'iktar dettall fl-Anness 1. Is-SGD għandhom jagħżlu l-metodu ta' kalkolu wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi tas-settur bankarju nazzjonali, u l-grad ta' eteroneġenità fost l-istituzzjonijiet.

*(c) Koeffiċjent ta' aġġustament (μ)*

43. Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' SGD għandhom tal-inqas jilħqu l-livell fil-mira speċifikat fid-Direttiva 2014/49/UE fi żmien għaxar snin. B'konformità mal-prinċipju stabbilit fil-paragrafu 20, dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jitqassmu b'mod kemm jista' jkun indaqs fuq iż-żmien sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt proċikliku ta' kontribuzzjonijiet fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet.

44. Jekk is-somma tal-kontribuzzjonijiet annwali mill-istituzzjonijiet membri kollha hija bbażata biss fuq is-$CD_i$, l-$ARW_i$ u r-rata ta' kontribuzzjoni fissa (CR), l-ammont ta' kontribuzzjonijiet f'sena speċifika jista' jkun ogħla jew inqas mil-livell annwali fil-mira stabbilit għal dik is-sena. Sabiex tiġi rimedjata din id-diskrepanza, għandu jintuża l-koeffiċjent ta' aġġustament (μ). Il-koeffiċjent għandu jaġġusta l-ammont tal-kontribuzzjonijiet totali (C) sabiex jintlaħaq il-livell annwali fil-mira meta inkella l-kontribuzzjonijiet totali jkunu għoljin jew baxxi wisq.

| |
|---|
| **Kaxxa 2 – Eżempju tal-applikazzjoni tal-formola ta' kalkolu.** |
| Għall-finijiet ta' wiri, il-kalkoli f'dan l-eżempju jitwettqu għal Stat Membru A fis-sena 2x01. Hemm tliet istituzzjonijiet ta' kreditu biss u SGD waħda f'dak l-Istat Membru u l-ammont totali ta' depożiti koperti mis-SGD huwa ta' EUR 1,500,000. Qed jiġi supponut li s-sena 2x01 hija l-ewwel sena li fiha s-SGD fi Stat Membru A jibda jiġbor il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* mill-istituzzjonijiet li jiġbru d-depożiti sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira ta' 0.8% tad-depożiti koperti f'10 snin (jiġifieri sas-sena 2x11). Għalhekk, b'konformità mar-rekwiżit li l-kontribuzzjonijiet jitqassmu b'mod kemm jista' jkun indaqs, il-livell annwali fil-mira, li jirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet annwali totali (C) mingħand l-istituzzjonijiet kollha fl-Istat Membru A fis-sena 2x01, għandu jkun madwar 1/10 tal-livell fil-mira. Ir-rata ta' kontribuzzjoni f'dan il-każ tammonta għal 0.0008 (CR = 1/10 x 0.8%). Il-kontribuzzjonijiet annwali totali għas-sena 2x01 għandhom jiġu kkalkolati kif ġej: C=EUR 1,500,000 x (0.0008) = EUR 1,200. |

It-tabella ta' hawn taħt turi kif inhuma mqassmin id-depożiti totali koperti u l-kontribuzzjonijiet mhux- aġġustati għar-riskju rispettivi mill-istituzzjonijiet fl-Istat Membru A fis-sena 2x01.

Kontribuzzjonijiet mhux aġġustati għar-riskju fi Stat Membru A fis-sena 2x01

| Istituzzjoni | Depożiti koperti (EUR) | Kontribuzzjonijiet mhux aġġustati għar-riskju (EUR) |
|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 160 (= 200,000 × 0.0008) |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 320 (= 400,000 × 0.0008) |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 720 (= 900,000 × 0.0008) |
| **Total** | 1,500,000 | 1,200 (= 1,500,000 × 0.0008) |

Il-metodu għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju adottati fi Stat Membru A jiddependi fuq erba' klassijiet ta' riskju differenti, b'ponderazzjonijiet aggregati differenti ta' riskju (ARW) assenjati għal kull klassi ta' riskju kif ġej: 75% għall-istituzzjoni bl-inqas profil tar-riskju, 100% għall-istituzzjonijiet bi profil tar-riskju medju, 120% għal istituzzjonijiet riskjużi, u 150% għall-iktar istituzzjonijiet riskjużi.

Il-formula li ġejja tintuża għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet annwali għal istituzzjonijiet individwali "i":

$$C_i = CR \times ARW_i \times CD_i \times \mu$$

Xenarju 1: istituzzjonijiet b'riskju relattivamemt għoli fis-sena 2x01

Skont ix-Xenarju 1, l-$ARW_i$ għall-istituzzjonijiet 1, 2 u 3 huma 75%, 150% u 120%, rispettivament. Wara li jiġi applikat il-fattur tal-aġġustament tar-riskju ibbażat fuq l-ARW biss, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet annwali totali mingħand l-istituzzjonijiet kollha fl-Istat Membru A huwa ta' EUR 1,464, li huwa ogħla mil-livell ta' kontribuzzjoni annwali totali ppjanata (EUR 1,200), kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

Il-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju fl-Istat Membru A fis-sena 2x01 fix-Xenarju 1

| Istituzzjoni | $CD_i$ (EUR) | $ARW_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju (EUR) |
|---|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 75% | 120 (= 200,000 × 0.0008 × 0.75) |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 150% | 480 (= 400,000 × 0.0008 × 1.50) |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 120% | 864 (= 900,000 × 0.0008 × 1.20) |
| **Total** | 1,500,000 | | 1,464 |

Għaldaqstant, koeffiċjent ta' aġġustament $\mu$ għandu jintuża sabiex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet annwali totali (jiġifieri s-somma tal-kontribuzzjonijiet individwali kollha) ikun ekwivalenti għal 1/10 tal-livell fil-mira. F'dan il-każ, il-koeffiċjent ta' aġġustament li għandu jiġi applikat għall-istituzzjonijiet kollha jista' jiġi kkalkolat bħala $\mu_1$ = EUR 1,200 / EUR 1,464 = 0.82. L-istimi għall-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju wara l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' aġġustament huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju kkoreġuti fl-Istat Membru A fis-sena 2x01 skont ix-xenarju 1

| Istituzzjoni | $CD_i$ (EUR) | $ARW_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju (EUR) | Koeffiċjent ta' aġġustament $\mu_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju finali (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 75% | 120 | 0.82 | 98 $(= 120 \times 0.82)$ |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 150% | 480 | 0.82 | 394 $(= 480 \times 0.82)$ |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 120% | 864 | 0.82 | 708 $(= 864 \times 0.82)$ |
| **Total** | 1,500,000 | | 1,464 | | 1,200 |

### Xenarju 2: istituzzjonijiet b'riskju relattivament baxx fis-sena 2x01

Fix-xenarju 2, l-$ARW_i$ għal istituzzjonijiet 1, 2 u 3 huma 75%, 120% u 75%, rispettivament. Meta jiġi applikat biss il-fattur ta' aġġustament tar-riskju (ARW), il-kontribuzzjoni annwali totali mill-istituzzjonijiet kollha fl-Istat Membru A hija ta' EUR 1,044 u hija inqas mil-livell ta' kontribuzzjoni annwali totali ppjanata ta' EUR1,200.

Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju fi Stat Membru A fis-sena 2x01 skont ix-xenarju 2

| Istituzzjoni | $CD_i$ (EUR) | $ARW_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju (EUR) |
|---|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 75% | 120 $(= 200{,}000 \times 0.0008 \times 0.75)$ |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 120% | 384 $(= 400{,}000 \times 0.0008 \times 1.20)$ |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 75% | 540 $(= 900{,}000 \times 0.0008 \times 0.75)$ |
| **Total** | 1,500,000 | | 1,044 |

Il-koeffiċjent ta' aġġustament $\mu$ huwa applikat sabiex il-kontribuzzjoni annwali totali tiġi ekwivalenti għal 1/10 tal-livell fil-mira. Skont dan ix-xenarju, il-koeffiċjent ta' aġġustament li għandu jiġi applikat għall-istituzzjonijiet kollha jista' jiġi kkalkulat bħala $\mu_2$ = EUR 1,200 / EUR 1,044 = 1.15. Minħabba li s-somma tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju hija iktar baxxa mil-livell annwali fil-mira, il-koeffiċjent ta' aġġustament huwa ikbar minn 1.

Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju kkoreġuti fi Stat Membru $A$ fis-sena 2x01 skont ix-xenarju 2

| Istituzzjoni | $CD_i$ (EUR) | $ARW_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju (EUR) | Koeffiċjent ta' aġġustament $\mu_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju finali (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 75% | 120 | 1.15 | 138 $(= 120 \times 1.15)$ |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 120% | 384 | 1.15 | 442 $(= 384 \times 1.15)$ |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 75% | 540 | 1.15 | 620 $(= 540 \times 1.15)$ |
| **Total** | 1,500,000 | | 1,044 | | 1,200 |

### Xenarju 3: livell annwali fil-mira aġġustat sabiex jirrifletti ambjent makroprudenzjali

Skont ix-Xenarju 3, l-$ARW_i$ għal istituzzjonijiet 1, 2, u 3 huma 75%, 150% u 120% rispettivament. Is-suq finanzjarju fi Stat Membru A qed jesperjenza volatilità li wasslet għal żieda fit-telf ta' kreditu għal istituzzjonijiet, mhux biss f'parti speċifika iżda fis-sistema bankarja kollha. Qed jiġi deċiż li l-livell annwali fil-mira jitbaxxa sabiex jiġi evitat li l-kontaġju jinxtered għall-bqija tal-membri SGD. Qed jiġi deċiż li fis-sena 2x01 il-livell annwali fil-mira se jkun 75% tal-1/10 tal-livell fil-mira kumplessiv u għaldaqstant ikun 900 (EUR 1,200 x 0.75). Għalhekk, ir-rata ta' kontribuzzjoni f'dan il-każ jammonta għal 0.0006 (CR = (1/10 × 0.75) × 0.8%)).

Il-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju fi Stat Membru A fis-sena 2x01 skont ix-xenarju 3

| Istituzzjoni | $CD_i$ (EUR) | $ARW_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju (EUR) |
|---|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 75% | 90 (= 200,000 × 0.0006 × 0.75) |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 150% | 360 (= 400,000 × 0.0006 × 1.50) |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 120% | 648 (= 900,000 × 0.0006 × 1.20) |
| **Total** | 1,500,000 | | 1,098 |

Il-koeffiċjent ta' aġġustament $\mu$ jiġi applikat sabiex jiġi żgurat li l-kontribuzzjoni annwali totali tiġi ekwivalenti għal 75% tal-1/10 tal-livell fil-mira. Skont dan ix-xenarju, il-koeffiċjent ta' aġġustament li għandu jiġi applikat għall-istituzzjonijiet kollha jista' jiġi kkalkolat bħala $\mu_3$ = EUR 900 / EUR 1,098 = 0.82. L-istimi għall-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju wara l-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' aġġustament $\mu_3$ huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt.

Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju kkoreġuti fl-Istat Membru A fis-sena 2x01 skont ix-xenarju 3

| Istituzzjoni | $CD_i$ (EUR) | $ARW_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju (EUR) | Koeffiċjent ta' aġġustament $\mu_i$ | Kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju finali (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Istituzzjoni 1** | 200,000 | 75% | 90 | 0.82 | 74 (= 90 × 0.82) |
| **Istituzzjoni 2** | 400,000 | 150% | 360 | 0.82 | 295 (= 360 × 0.82) |
| **Istituzzjoni 3** | 900,000 | 120% | 648 | 0.82 | 531 (= 648 × 0.82) |
| **Total** | 1,500,000 | | 1,098 | | 900 |

Il-koeffiċjent ta' aġġustament $\mu$ jista' jiġi stabbilit wara li l-istituzzjonijiet membri kollha jiġu kkategorizzati fi klassijiet ta' riskju u jiġu assenjati ponderazzjonijiet aggregati ta' riskju (li jirriflettu l-profil ta' riskju tagħhom). Jekk wara li jsiru l-kalkoli mis-SGD, xi istituzzjonijiet jaġġornaw id-data użata għall-klassifikazzjoni tar-riskju (pereżempju sabiex jikkoreġu żbalji ta' kontabbiltà mill-perjodi tar-rapportar preċedenti), is-SGD għandhom ikunu kapaċi jipposponu l-aġġustament sas-sejħa li jmiss għall-kontribuzzjonijiet. Fil-fatt, dan se jfisser li, pereżempju meta istituzzjoni tkun ikkontribwixxiet ftit wisq għaliex intużat data żbaljata, il-kontribuzzjoni li jmiss tagħha se tkun tinkludi l-ammont nieqes mis-sena ta' qabel (sena 1) u l-ammont korrett għas-sena kurrenti (sena 2). F'dan ix-xenarju, fis-sena 1, l-istituzzjonijiet kollha l-oħra jkunu kkontribwixxew iktar milli jmisshom u l-kontribuzzjoni tagħhom fis-sena 2 se tiġi aġġustata sabiex tagħmel tajjeb għall-

| |
|---|
| pagament eċċessiv fis-sena 1. |

### *Element 2. Limiti għall-ponderazzjonijiet tar-riskju aggregati (ARW)*

45.Sabiex jgħinu fil-mitigazzjoni tal-periklu morali, l-ARWs għandhom jirriflettu d-differenzi fir-riskju mġarrab minn istituzzjonijiet membri differenti. Meta l-metodu tal-kalkolu juża klassijiet ta' riskju b'ARWs differenti assenjati lilhom (il-metodu "tal-barmil"), għandu jistabbilixxi valuri speċifiċi ta' ARW applikabbli għal kull klassi ta' riskju. Meta l-metodu ta' kalkolu jsegwi l-approċċ "sliding scale" minflok numru fiss ta' klassijiet ta' riskju, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti superjuri u l-limiti inferjuri tal-ARWs.

46.L-inqas ARW għandha tkun bejn 50% sa 75% u l-ogħla ARW bejn 150% u 200%. Jista' jiġi stabbilit intervall usa' fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni li l-intervall limitat għal 50%-200% ma jirriflettix biżżejjed id-differenzi fil-mudelli ta' negozju u l-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet membri, u jkun se joħloq periklu morali billi jiġbor flimkien b'mod artifiċjali istituzzjonijiet membri li għandhom profili tar-riskju differenti ħafna.

47.Is-SGD għandha tagħmel sforz ta' mmappar tal-ARW mal-punteġġi tar-riskju aggregat (ARS) b'tali mod li jkun possibbli li l-istituzzjonijiet membri jiġu assenjati għall-inqas jew l-ogħla ARW, u li jimtlew id-diversi klassijiet ta' riskju. B'mod partikolari, is-SGD għandha tevita milli tikkalibra l-mudell b'tali mod li kważi l-istituzzjonijiet membri kollha, minkejja li għandhom profili tar-riskju differenti, ikunu assenjati għal klassi waħda ta' riskju biss (pereżempju, il-klassi tar-riskju għal istituzzjonijiet bi profil tar-riskju medju). Madankollu, dan ma jimplikax li f'kull sena, is-SGD bilfors trid tagħmel użu mill-intervall sħiħ u tassenja istituzzjonijiet għall-ARW korrispondenti għall-ogħla u l-inqas punti tal-intervall.

### *Element 3. Il-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin*

*Il-kategoriji ta' indikaturi tar-riskju*

48.Il-kalkolu tal-ponderazzjoni tar-riskju aggregata ($ARW_i$) għal istituzzjoni membru individwali għandu jkun ibbażat fuq sett ta' indikaturi tar-riskju minn kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:

a. Kapital

b. Likwidità u finanzjament

c. Kwalità tal-assi

d. Mudell ta' negozju u maniġment

e. Telf potenzjali għas-SGD

49.F'kull kategorija, il-metodu ta' kalkolu għandu jinkludi l-indikaturi tar-riskju ewlenin speċifikati fit-Tabella 1. Bħala eċċezzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeskludu jew jippermettu lis-SGD biex teskludi, fir-rigward ta' tipi speċifiċi ta' istituzzjonijiet, indikatur ewlieni meta jkun hemm ġustifikazzjoni li dan l-indikatur mhuwiex disponibbli minħabba l-karatteristiċi legali jew ir-reġim superviżorju tat-tali istituzzjonijiet.

50. Meta l-awtoritajiet kompetenti jew is-SGD ineħħu indikatur tar-riskju ewlieni għal tip speċifiku ta' istituzzjoni, għandhom jistinkaw biex jużaw l-iktar indikatur xieraq għall-indikatur imneħħi. Għandhom jiżguraw li r-riskji maħluqa mill-istituzzjoni għas-sistema huma riflessi f'indikaturi oħra użati. Għandhom jikkunsidraw ukoll il-bżonn li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għal istituzzjonijiet oħra li għalihom ikun disponibbli l-indikatur esklużi.

51. Il-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi ewlenin huma deskritti fit-Tabella 1 hawn taħt. L-indikaturi ta' riskju ewlenin huma deskritti wkoll f'iktar dettall f'Anness 2.

**Tabella 1. Il-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin**

| Il-kategoriji ta' riskju | Deskrizzjoni ta' kategoriji ta' riskju u indikaturi tar-riskju komuni |
|---|---|
| **A. Probabbiltà ta' falliment** | |
| **1. Kapital** | L-indikaturi kapitali jirriflettu l-livell ta' kapaċità li tassorbi t-telf tal-istituzzjoni. Ammonti ogħla ta' kapital miżmuma mill-istituzzjoni jindikaw li għandha kapaċità ogħla li tassorbi t-telf internament (u b'hekk ikunu mmitigati r-riskji li jirriżultaw mill-profil tar-riskju għoli tal-istituzzjoni), u b'hekk tonqos il-probabbiltà ta' falliment. Għalhekk, l-istituzzjonijiet b'valuri ogħla ta' indikaturi kapitali għandhom jikkontribwixxu inqas għas-SGD.<br>Indikaturi ewlenin:<br>- Proporzjon ta' ingranaġġ[6], kif ukoll<br>- Il-Proporzjon ta' kopertura tal-kapital jew il-proporzjon ta' kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni (CET 1) |
| **2. Likwidità u finanzjament** | L-indikaturi ta' likwidità u finanzjament ikejlu l-ħila tal-istituzzjoni li tissodisfa l-obbligi fuq perjodu qasir jew fit-tul meta jkunu dovuti mingħajr effett negattiv fuq il-kundizzjoni finanzjarja tagħha. Livelli ta' likwidità baxxi jindikaw ir-riskju li l-istituzzjoni ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligi tal-flussi tal-flus- kurrenti u futuri, mistennija u mhux mistennija u l-bżonnijiet ta' kollateral tagħha.<br>Indikaturi ewlenin:<br>- proporzjon tal-kopertura tal-likwidità[7] (LCR), kif ukoll<br>- il-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett[8] (NSFR) |
| **3. Kwalità tal-assi** | L-indikaturi tal-kwalità tal-assi jindikaw kemm huwa probabbli li l-istituzzjoni tesperjenza telf ta' kreditu. Telf kbir ta' kreditu jista' jikkaġuna problemi finanzjarji li jżidu l-probabbiltà ta' falliment tal-istituzzjoni. Pereżempju, proporzjon għoli tas-self improduttiv- (NPL) jindika li hu iktar probabbli li l-istituzzjoni ġġarrab telf sostanzjali u konsegwentement teħtieġ intervent tas- |

[6] Il-proporzjon ta' Kapital tal-Grad 1/Assi totali għandu jintuża sakemm tidħol fis-seħħ definizzjoni ta' proporzjon ta' ingranaġġ stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

[7] Jekk tkun disponibbli, għandha tintuża definizzjoni nazzjonali tal-proporzjon tal-likwidità, bħal Assi likwidi/Assi totali, sakemm jidħlu kompletament fis-seħħ il-miżuri tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

[8] Il-proporzjon NSFR għandu jiġi applikat ladarba tidħol kompletament fis-seħħ id-definizzjoni tiegħu kif stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

<table>
<tr><td></td><td>SGD; għalhekk, dan jiġġustifika kontribuzzjonijiet ogħla għas-SGD.<br>Indikatur ewlieni:<br>- proporzjon tas-self improduttiv (NPL)</td></tr>
<tr><td>4. Mudell ta' negozju u maniġment</td><td>Din il-kategorija ta' riskju tikkunsidra r-riskju relatat mal-mudell ta' negozju kurrenti u l-pjanijiet strateġiċi tal-istituzzjoni, u tirrifletti l-kwalità tal-governanza interna tal-istituzzjoni u l-kontrolli interni.<br><br>L-indikaturi tal-mudell ta' negozju jistgħu, pereżempju, jinkludu indikaturi relatati mal-profittabilità, l-iżvilupp tal-karta tal-bilanċ u l-konċentrazzjoni tal-iskopertura:<br>– L-indikaturi tal-profittabilità jipprovdu informazzjoni dwar il-ħila tal-istituzzjoni membru li tiġġenera profitti. Profittabilità baxxa jew telf imġararb mill-istituzzjoni jindikaw li tista' taffaċċja problemi finanzjarji li jistgħu jwasslu għall-falliment tagħha. Madankollu, profitti għoljin u mhux sostenibbli jistgħu jindikaw riskju elevat ukoll. Sabiex jiġu evitati kejliet fi żmien partikolari, l-indikaturi tal-profittabilità għandhom jiġu kkalkolati bħala valuri medji tul perjodu minimu ta' sentejn. Dan se jimmitiga l-effetti proċikliċi u jirrifletti aħjar is-sostenibbiltà tas-sorsi tal-introjtu. Għal istituzzjonijiet li għandhom restrizzjonijiet fuq il-livell ta' profittabilità tagħhom minħabba dispożizzjonijiet skont il-liġi nazzjonali jew fl-istatuti tagħhom, dan l-indikatur jista' jitwarrab jew jiġi kkalibrat b'rabta mal-grupp bejn il-pari tal-istituzzjoni li jkollu restrizzjonijiet simili.<br>– L-indikaturi tal-iżvilupp tal-karta tal-bilanċ jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar it-tkabbir eċċessiv potenzjali fl-assi totali, ċerti portafolji jew segmenti. Dawn l-indikaturi jistgħu jinkludu wkoll il-miżura relattiva tal-assi imwieżna għar-riskju għall-assi totali.<br>– L-indikaturi tal-konċentrazzjoni jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet settorjali jew ġeografiċi eċċessivi tal-iskoperturi tal-istituzzjoni.<br>Tipi potenzjali oħrajn ta' indikaturi tar-riskju f'din il-kategorija jinkludu: indikaturi li jkejlu l-effiċjenza ekonomika jew is-sensittività għar-riskju tas-suq, jew indikaturi bbażati fuq is-suq.<br>L-indikaturi tal-immaniġġjar jintroduċu fatturi kwalitattivi fil-klassifikazzjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet sabiex jirriflettu l-kwalità tal-arranġamenti tal-governanza interna tagħhom. B'mod partikolari, indikaturi kwalitattivi jistgħu jkunu bbażati fuq spezzjonijiet fuq il-post u barra mill-post imwettqa mis-SGD; fuq kwestjonarji speċjali ddisinjati apposta għal dan l-għan mis-SGD u/jew fuq il-valutazzjoni komprensiva tal-governanza interna tal-istituzzjonijiet riflessa fl-SREP.<br><br>Indikaturi ewlenin:<br>- Assi mwieżna għar-riskju/Assi Totali, kif ukoll<br>- Redditu fuq l-assi (RoA)</td></tr>
<tr><td colspan="2">B. Telf potenzjali għas-SGD</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | Il-kategorija tar-riskju tirrifletti r-riskju ta' telf għas-SGD jekk istituzzjoni membru tfalli. Il-limitu safejn l-assi tal-istituzzjoni huma[9] aggravati se jkollu impatt partikolari għaliex il-gravami se jnaqqsu l-prospett tas-SGD li tirkupra l-ammont tal-ħlas mill-patrimonju ta' falliment tal-istituzzjoni.<br>Indikatur ewlieni:<br>- Assi mhux aggravati / Depożiti koperti |

*Indikaturi tar-riskju addizzjonali*

52. Minbarra l-indikaturi tar-riskju ewlenin, is-SGD jistgħu jinkludu indikaturi tar-riskju addizzjonali li huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet membri.

53. L-indikaturi tar-riskju addizzjonali għandhom jiġu kklassifikati f'kategoriji ta' riskju xierqa skont it-Tabella 1. Huwa biss f'każijiet biss li fihom l-indikaturi addizzjonali ma jaqgħux fid-deskrizzjoni ta' xi kategorija ta' riskju oħra li għandhom jiġu kklassifikati f'kategorija ta' "Riskju tal-mudell ta' negozju u tal-maniġment".

54. Kull SGD għandha tiddefinixxi sett proprju ta' indikaturi tar-riskju sabiex jiġu riflessi d-differenzi fil-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet membri tagħha. L-Anness 3 jipprovdi lista ta' eżempji ta' indikaturi tar-riskju kwantitattivi u kwalitattivi addizzjonali b'deskrizzjoni dettaljata.

*Ponderazzjonijiet għal indikaturi u kategoriji tar-riskju*

55. Is-somma tal-ponderazzjonijiet assenjati għall-indikaturi tar-riskju kollha fil-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lis-SGD għandu jkun ekwivalenti għal 100%.

56. Meta jiġu assenjati ponderazzjonijiet għal indikaturi tar-riskju partikolari, għandhom jinżammu l-ponderazzjonijiet minimi għall-kategoriji ta' riskju u indikaturi tar-riskju ewlenin, kif speċifikat fit-Tabella 2.

**Tabella 2. Il-ponderazzjonijiet minimi għall-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin**

| Il-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin | Ponderazzjonijiet minimi |
|---|---|
| **1. Kapital** | **18%** |
| 1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ | 9% |
| 1.2. Proporzjon ta' kopertura tal-kapital jew | 9% |
| **2. Likwidità u finanzjament** | **18%** |
| 2.1. LCR | 9% |
| 2.2. NSFR | 9% |

[9] Definizzjoni ta' assi aggravati għall-fini tal-linji gwida tal-EBA dwar id-dikjarazzjoni tal-assi aggravati u mhux aggravati tiġi stabbilita kif ġej: "assi għandu jiġi ttrattat bħala aggravat jekk ikun ingħata b'rahan jew jekk ikun soġġett għal xi forma ta' arranġament li jiggarantixxi, jikkollateralizza jew itejjeb il-kreditu ta' kwalunkwe tranżazzjoni li tidher jew li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ li minnha ma jistax jiġi rtirat b'mod liberu (pereżempju, li jingħata b'rahan għall-finijiet ta' finanzjament)".

| | |
|---|---|
| **3. Kwalità tal-assi** | **13%** |
| 3.1. Proporzjon NPL | 13% |
| **4. Mudell ta' negozju u maniġment** | **13%** |
| 4.1. RWA / Assi totali | 6.5% |
| 4.2. RoA | 6.5% |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | **13%** |
| 5.1. Assi mhux aggravati / Depożiti koperti | 13% |
| **Somma** | **75%** |

57.Is-somma tal-ponderazzjonijiet minimi speċifikata f'dawn il-linji gwida għall-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin tammonta għal 75% tal-ponderazzjonijiet totali. Is-SGD għandhom iqassmu l-25% li jifdal bejn il-kategoriji ta' riskju stabbiliti fit-Tabella 1.

58.Is-SGD għandha talloka l-25% flessibbli tal-ponderazzjonijiet billi tqassamhom bejn l-indikaturi tar-riskju addizzjonali u/jew billi żżid il-ponderazzjonijiet minimi tal-indikaturi tar-riskju ewlenin diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- jinżammu l-ponderazzjonijiet minimi tal-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin;
- meta fil-metodu ta' kalkolu jintużaw indikaturi tar-riskju ewlenin biss, il-25% ponderazzjoni flessibbli għandha tiġi allokata bejn il-kategoriji ta' riskju kif ġej: "Kapital" – 24%; "Likwidità u finanzjament" – 24%; "Kwalità tal-assi" – 18%; "Mudell ta' negozju u maniġment" – 17%; u "Użu potenzjali tal-fondi tas-SGD" – 17%;
- il-ponderazzjoni ta' kwalunkwe indikatur ieħor, jew iż-żieda tal-ponderazzjoni ta' indikatur tar-riskju ewlieni, ma għandhiex tkun ogħla minn 15%, ħlief għal indikaturi tar-riskju kwalitattivi addizzjonali li jirrappreżentaw l-eżitu ta' valutazzjoni komprensiva tal-profil tar-riskju u l-maniġment tal-istituzzjoni membru (inkluż fil-kategorija ta' riskju 'Mudell ta' negozju u maniġment") u l-każijiet speċifikati fil-paragrafu ►C1 59. ◄O

59. Meta ma jintużax indikatur ewlieni, il-ponderazzjoni minima tal-kumplament tal-indikatur ewlieni mill-istess kategorija ta' riskju għandu jammonta għal ponderazzjoni minima kollha għal din il-kategorija ta' riskju.

60.Meta jkun hemm indikatur ewlieni wieħed biss f'kategorija, u dan l-indikatur ewlieni ma jintużax, għandu jiġi sostitwit ma' indikatur li jkollu l-istess ponderazzjoni minima bħall-indikatur ewlieni.

**Kaxxa 3 – Eżempju tal-użu tal-flessibbiltà fl-assenjar ta' 25% ponderazzjonijiet bejn il-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin.**

Xenarju 1

L-indikaturi tar-riskju ewlenin kollha jintużaw u ma jiġux inklużi indikaturi addizzjonali oħra fil-metodu ta' kalkolu. Il-25% flessibbli tal-ponderazzjonijiet jitqassmu bejn l-indikaturi tar-riskju ewlenin b'tali mod li jinżammu l-proporzjonijiet bejn il-ponderazzjonijiet minimi għall-kategoriji ta' riskju u l-indikaturi tar-riskju ewlenin (pereżempju, il-ponderazzjoni addizzjonali għal ammonti kapitali tammonta għal 6% = 25% x (18%/75%).

| Indikaturi tar-riskju | Ponderazzjonijiet minimi (1) | Ponderazzjonijiet flessibbli (2) | Ponderazzjonijiet finali 1 (2: |
|---|---|---|---|
| **1. Kapital** | **18%** | **+6%** | **24%** |
| 1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ | 9% | +3% | 12% |
| 1.2. Proporzjon ta' kopertura tal- | 9% | +3% | 12% |
| **2. Likwidità u finanzjament** | **18%** | **+6%** | **24%** |
| 2.1. LCR | 9% | +3% | 12% |
| 2.2. NSFR | 9% | +3% | 12% |
| **3. Kwalità tal-assi** | **13%** | **+5%** | **18%** |
| 3.1. Proporzjon NPL | 13% | +5% | 18% |
| **4. Mudell ta' negozju u** | **13%** | **+4%** | **17%** |
| 4.1. RWA / Assi totali | 6.5% | +2% | 8.5% |
| 4.2. RoA | 6.5% | +2% | 8.5% |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | **13%** | **+4%** | **17%** |
| 5.1. Assi mhux aggravati / Depożiti | 13% | +4% | 17% |
| **Somma** | **75%** | **+25%** | **100%** |

Xenarju 2

Wieħed mill-indikaturi tar-riskju ewlenin mhuwiex disponibbli (NSFR) matul perjodu tranżitorju u ma huwa inkluż l-ebda indikatur tar-riskju addizzjonali fil-metodu ta' kalkolu. Il-ponderazzjoni minima assenjata għall-proporzjon LCR tammonta għal 18% - il-ponderazzjoni totali għall-kategorija ta' riskju "Likwidità u finanzjament" (9% + 9%) miżjuda b'6% oħra sa 24% - il-ponderazzjoni massima għal din il-kategorija skont il-paragrafu 57. Il-ponderazzjonijiet l-oħra jitqassmu bejn l-indikaturi tar-riskju kif spjegat fix-Xenarju 1

| Indikaturi tar-riskju | Ponderazzjonijiet minimi (1) | Ponderazzjonijiet flessibbli (2) | Ponderazzjonijiet finali 1 (2: |
|---|---|---|---|
| **1. Kapital** | **18%** | **+6%** | **24%** |
| 1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ | 9% | +3% | 12% |
| 1.2. Proporzjon ta' kopertura tal- | 9% | +3% | 12% |
| **2. Likwidità u finanzjament** | **18%** | **+6%** | **24%** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.1. LCR | 9% | + (6% + 9%) | 24% |
| 2.2. NSFR | 9% | - 9% | Mhux applikabbli |
| **3. Kwalità tal-assi** | **13%** | **+5%** | **18%** |
| 3.1. Proporzjon NPL | 13% | +5% | 18% |
| **4. Mudell ta' negozju u** | **13%** | **+4%** | **17%** |
| 4.1. RWA / Assi totali | 6.5% | +2% | 8.5% |
| 4.2. RoA | 6.5% | +2% | 8.5% |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | **13%** | **+4%** | **17%** |
| 5.1. Assi mhux aggravati / | 13% | +4% | 17% |
| **Somma** | **75%** | **+25%** | **100%** |

Xenarju 3

L-indikaturi tar-riskju ewlenin kollha jintużaw fil-metodu ta' kalkolu iżda s-SGD tixtieq iżżid (b'5%) il-ponderazzjoni ta' wieħed mill-indikaturi tar-riskju ("proporzjon ta' ingranaġġ") għaliex tqis li dan l-indikatur huwa ferm effettiv sabiex jitbassru diffikultajiet fost l-istituzzjonijiet membri. Barra minn hekk, is-SGD biħsiebha tinkludi żewġ indikaturi tar-riskju addizzjonali (wieħed b'ponderazzjoni ta' 3% fil-kategorija tar-riskju "Kwalità tal-assi", u t-tieni b'ponderazzjoni ta' 5% fil-kategorija ta' riskju "Mudell ta' negozju u maniġment"). It-12% li jifdal tal-piżiijiet flessibbli se jitqassmu bejn l-indikaturi tar-riskji ewlenin kollha l-oħrajn b'tali mod li tinżamm ir-relazzjoni tal-ponderazzjonijiet minimi assenjati lil dawn l-indikaturi.

| Indikaturi tar-riskju | Ponderazzjonijiet minimi (1) | Ponderazzjonijiet flessibbli (2) | | Ponderazzjonijiet finali 1 (2: |
|---|---|---|---|---|
| **1. Kapital** | **18%** | **+5%** | **+3%** | **26%** |
| 1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ | 9% | +5% | | 14% |
| 1.2. Proporzjon ta' kopertura tal- | 9% | | +3% | 12% |
| **2. Likwidità u finanzjament** | **18%** | | **+3%** | **21%** |
| 2.1. LCR | 9% | | +1.5% | 10.5% |
| 2.2. NSFR | 9% | | +1.5% | 10.5% |
| **3. Kwalità tal-assi** | **13%** | **+3%** | **+2%** | **18%** |
| 3.1. Proporzjon NPL | 13% | | +2% | 15% |
| 3.2. Indikatur tar-riskju | Mhux applikabbli | +3% | | 3% |
| **4. Mudell ta' negozju u** | **13%** | **+5%** | **+2%** | **20%** |
| 4.1. RWA / Assi totali | 6.5% | | +1% | 7.5% |
| 4.2. RoA | 6.5% | | +1% | 7.5% |
| 4.3. Indikatur tar-riskju | Mhux applikabbli | +5% | | 5% |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | **13%** | | **+2%** | **15%** |
| 5.1. Assi mhux aggravati / | 13% | | +2% | 15% |
| **Somma** | **75%** | **+13%** | **+12%** | **100%** |

Xenarju 4

L-indikaturi tar-riskju ewlenin kollha jintużaw fil-metodu ta' kalkolu iżda s-SGD tixtieq tinkludi wkoll ħames indikaturi addizzjonali (indikatur wieħed fil-kategoriji ta' riskju "Kapital", "Kwalità tal-Assi" u "Telf potenzjali għas-SGD", u żewġ indikaturi fil-kategorija ta' riskju "Mudell ta' negozju u maniġment"). Il-ponderazzjonijiet assenjati lill-indikaturi tar-riskju huma ppreżentati fl-aħħar kolonna tat-tabella ta' hawn taħt.

| Indikaturi tar-riskju | Ponderazzjonijiet minimi | Ponderazzjonijiet flessibbli | Ponderazzjonijiet finali |
|---|---|---|---|
| **1. Kapital** | **18%** | **+5%** | **23%** |
| 1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ | 9% | | 9% |
| 1.2. Proporzjon ta' kopertura | 9% | | 9% |
| 1.3. Indikatur tar-riskju | Mhux applikabbli | +5% | 5% |
| **2. Likwidità u finanzjament** | **18%** | | **18%** |
| 2.1. LCR | 9% | | 9% |
| 2.2. NSFR | 9% | | 9% |
| **3. Kwalità tal-assi** | **13%** | **+5%** | **18%** |
| 3.1. Proporzjon NPL | 13% | | 13% |
| 3.2. Indikatur tar-riskju | Mhux applikabbli | +5% | 5% |
| **4. Mudell ta' negozju u** | **13%** | **+10%** | **23%** |
| 4.1. RWA / Assi totali | 6.5% | | 6.5% |
| 4.2. RoA | 6.5% | | 6.5% |
| 4.3. Indikatur ta' riskju | Mhux applikabbli | +5% | 5% |
| 4.4. Indikatur ta' riskju | Mhux applikabbli | +5% | 5% |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | **13%** | **+5%** | **18%** |
| 5.1. Assi mhux aggravati / | 13% | | 13% |
| 5.3. Indikatur tar-riskju | Mhux applikabbli | +5% | 5% |
| **Somma** | **75%** | **+25%** | **100%** |

### *Rekwiżiti għall-indikaturi tar-riskju*

61.L-indikaturi tar-riskju użati fil-metodu ta' kalkolu għandhom ikopru medda wiesgħa biżżejjed ta' sorsi ta' riskju.

62.L-għażla tal-indikaturi ta' riskju għandha tiġi allinjata mal-aħjar prattiki fl-immaniġġjar tar-riskji u mar-rekwiżiti prudenzjali eżistenti.

63.Għal kull istituzzjoni membru, il-valuri tal-indikaturi tar-riskju għandhom jiġu kkalkolati wieħed, wieħed għalihom.

64.Madankollu, il-valur tal-indikaturi tar-riskju għandu jiġi kkalkolat f'livell ikkonsolidat meta l-Istat Membru jeżerċita l-fakultà mogħtija mill-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/49/UE li jippermetti sabiex il-korp ċentrali u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li huma affiljati b'mod

permanenti mal-korp ċentrali, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, ikunu soġġetti lkoll għall-ponderazzjoni tar-riskju stabbilita għall-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati tiegħu fuq bażi kkonsolidata.

65. Meta istituzzjoni membru tkun irċeviet eżenzjoni mill-ilħuq tar-rekwiżiti kapitali u/jew tal-likwidità fuq bażi individwali skont l-Artikoli 7, 8 jew 21 tar-Regolament (UE) 575/2013, l-indikaturi ta' kapital/likwidità korrispondenti għandhom jiġu kkalkolati fil-livell ikkonsolidat jew semi-konsolidat.

66. Sabiex jiġu kkalkolati l-valuri tal-indikaturi tar-riskju għal perjodu speċifikat, is-SGD għandha tuża:

- il-valur fi tmiem il-perjodu (pereżempju, l-introjtu nett kif irrapportat fil-31 ta' Diċembru għad-dikjarazzjoni tad-dħul annwali) għal pożizzjonijiet mir-rapport tal-introjtu;
- il-valur medju bejn il-bidu u tmiem il-perjodu tar-rapportar (pereżempju, il-valur medju tal-assi totali mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru f'sena partikolari) għal pożizzjonijiet mill-karta tal-bilanċ.

# Parti IV- Elementi fakultattivi tal-metodu ta' kalkolu

### *(i) Il-kontribuzzjoni minima*

67. Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jħallsu kontribuzzjoni minima, irrispettivament mill-ammont tad-depożiti koperti tagħhom.

68. Meta Stat Membru jeżerċita l-fakultà li jkollu istituzzjonijiet membru li jħallsu kontribuzzjoni minima (MC) ikun xi jkun l-ammont ta' depożiti koperti tagħhom, għandha tintuża l-formula ta' kalkolu mmodifikata li ġejja sabiex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet individwali:

a. Fil-każijiet meta l-kontribuzzjonijiet minimi jitħallsu minn kull istituzzjoni membru minbarra l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju tagħha:

$$C_i = MC + (CR \times ARW_i \times CD_i \times \mu)$$

b. Fil-każijiet li fihom il-kontribuzzjonijiet minimi jitħallsu biss minn dawk l-istituzzjonijiet membri li għalihom il-kontribuzzjonijiet annwali bbażati fuq ir-riskju kkalkolati skont il-formula standard (kif speċifikat fil-paragrafu 35) ikunu inqas mill-ammont tal-kontribuzzjoni minima:

$$C_i = \text{Max}\,\{MC; (CR \times ARW_i \times CD_i \times \mu)\}$$

Meta:

| | | |
|---|---|---|
| $C_i$ | = | Il-kontribuzzjoni annwali għall-istituzzjoni membru "i" |
| MC | = | Il-kontribuzzjoni minima |
| CR | = | Ir-rata ta' kontribuzzjoni (applikata għall-istituzzjonijiet membri kollha f'sena partikolari) |
| $ARW_i$ | = | Il-ponderazzjoni tar-riskju aggregata għall-istituzzjoni membru "i" |

$CD_i$ = Id-depożiti koperti għall-istituzzjoni membru "i"

$\mu$ = Il-koeffiċjent ta' aġġustament (applikat għall-istituzzjonijiet kollha f'sena partikolari).

69.Meta tiġi stabbilita kontribuzzjoni minima, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet maħtura għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għar-riskju tal-periklu morali inerenti meta jistabbilixxu l-kontribuzzjonijiet fissi u r-riskju li jinħolqu ostakoli għad-dħul fis-suq tas-servizzi bankarji.

### *(ii) Kontribuzzjonijiet imnaqqsa għall-membri ta' IPS li hija separata mis-SGD*

70.Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-membri ta' IPS iħallsu kontribuzzjonijiet aktar baxxi lill-SGD. Kif rifless fil-premessa 12 tad-Direttiva 2014/49/UE, din il-fakultà ġiet introdotta sabiex jiġu rikonoxxuti "skemi li jipproteġu l-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha u li, b'mod partikolari, jiżguraw il-likwidità u s-solvibbiltà (solvenza) tagħha".

71.Meta Stat Membru jisfrutta dik il-fakultà, il-ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW) ta' istituzzjoni li anki hi tkun membru ta' IPS separata tista' titnaqqas biex tiġi kkunsidrata s-salvagwardja addizzjonali prevista mill-IPS. F'dan il-każ, it-tnaqqis għandu jiġi implimentat billi jiġi inkluż indikatur tar-riskju addizzjonali, relatat mas-sħubija mal-IPS, fil-kategorija tar-riskju "Mudell ta' negozju u maniġment" tal-metodu ta' kalkolu. L-indikatur ta' sħubija f'IPS għandu jirrifletti l-protezzjoni addizzjonali tas-solvenza u l-likwidità pprovduta mill-iskema lill-membru, filwaqt li jiġi kkunsidrat jekk l-ammont tal-fondi tal-IPS *ex-ante*, disponibbli bla dewmien kemm għall-finijiet tal-fondi tar-rikapitalizzazzjoni kif ukoll tal-likwidità sabiex tiġi appoġġjata l-entità affettwata jekk jinqalgħu problemi, huwiex kbir biżżejjed sabiex jagħti appoġġ kredibbli u effettiv lil dik l-entità. Impenji ta' finanzjament addizzjonali eżerċitabbli fuq talba u li jkunu sostnuti minn riżervi ta' likwidità mill-membri tal-IPS f'istituzzjonijiet ċentrali tal-IPS jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll. Il-livell tal-finanzjament tal-IPS għandu jiġi eżaminat b'rabta mal-assi totali tal-istituzzjoni membru tal-IPS.

### *(iii) L-użu tal-fondi ta' SGD għall-prevenzjoni ta' falliment*

72.Meta Stat Membru jħalli lil SGD, inkluża IPS rikonoxxuta b'mod uffiċjali bħala SGD, tuża mezzi finanzjarji disponibbli għal miżuri alternattivi sabiex jiġi evitat il-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu, din is-SGD tista' tinkludi fattur addizzjonali fil-kalkolu bbażat fuq ir-riskju tagħha abbażi ta' assi ppiżati skont ir-riskju tal-istituzzjoni. F'dan il-każ, il-formula tkun kif ġej:

$$C_i = CR \times ARW_i \times (CD_i + A) \times \mu$$

Fejn A huwa l-ammont tal-assi mwieżna għar-riskju fl-istituzzjoni "i".

73.Qabel l-implimentazzjoni ta' dan il-fattur addizzjonali minn SGD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, bħala parti mill-proċedura ta' approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 14, jekk l-introduzzjoni tagħha hijiex proporzjonata għar-riskju li tintervjeni sabiex tevita l-falliment tal-istituzzjonijiet lil hinn mill-protezzjoni tad-depożiti koperti.

### *(iv) Setturi b'riskju baxx*

74. Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/49/UE, L-Istati Membri jistgħu jipprevedu kontribuzzjonijiet aktar baxxi mingħand l-istituzzjonijiwt li jappartjenu għal setturi b'riskju żgħir li huma regolati mil-liġi nazzjonali.

75. Jekk, permezz ta' leġiżlazzjoni, Stat Membru jkun impona restrizzjoni fuq istituzzjoni f'ċertu subsettur b'tali mod li jnaqqas sostanzjalment il-probabbiltà ta' falliment, il-kontribuzzjonijiet għas-SGD mingħand dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jitnaqqsu b'mod proporzjonat fuq il-bażi ta' motivazzjoni adegwata.

76. Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet li jappartjenu lis-setturi b'riskju baxx għandu jkun awtorizzat abbażi ta' evidenza empirika li tindika li f'dawn is-setturi b'riskju baxx, l-okkorrenza ta' falliment baqgħet konsistentement inqas minn setturi oħra. Ftehim dwar kontribuzzjonijiet imnaqqsin għandhom isiru mill-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura, wara konsultazzjoni mas-SGD.

77. Tali tnaqqis għandu jiġi implimentat fil-metodu ta' kalkolu billi jiġi inkluż indikatur tar-riskju addizzjonali fil-kategorija ta' riskju 'Mudell tan-negozju u maniġment'.

# Titolu III - Dispożizzjonijiet finali u Implimentazzjoni

78. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet maħtura għandhom jimplimentaw dawn il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-proċessi u l-proċeduri superviżorji tagħhom sa tmiem l-2015. Minn dik id-data 'il quddiem, il-kontribuzzjonijiet li jinġabru mis-SGD għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

79. Madankollu, meta skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-awtoritajiet xierqa jistabbilixxu li SGD għadha mhijiex f'pożizzjoni li tikkonforma mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/49/UE sat-3 ta' Lulju 2015, dawn il-linji gwida għandhom jiġu implimentati sad-data l-ġdida stabbilita minn dawn l-awtoritajiet u, fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2016.

# Anness 1 -Metodi biex jiġu kkalkolati l-Ponderazzjonijiet tar-Riskju Aggregati (ARW) u jiġu stabbiliti l-klassijiet ta' riskju

## *(i) Il-metodu tal-"barmil"*

### *Indikaturi tar-riskji individwali*

1. Fil-metodu tal-"barmil", għandu jiġi stabbilit numru fiss ta' bramel għal kull indikatur tar-riskju billi jiġu stabbiliti parametri superjuri u inferjuri għal kull barmil. In-numru ta' bramel għal kull indikatur tar-riskju għandu jkun tal-inqas tnejn. Il-bramel għandhom jirriflettu l-livelli differenti ta' riskju maħluqa mill-istituzzjonijiet membri (pereżempju riskju għoli, medju jew baxx) ivvalutat fuq il-bażi ta' indikaturi partikolari.

2. Għandu jkun hemm punteġġ ta' riskju individwali (IRS) assenjat għal kull barmil. Jekk il-valur tal-indikatur tar-riskju jkun ogħla (inqas) mil-limitu superjuri (inferjuri) tal-ogħla (l-inqas) barmil, dan għandu jiġi assenjat l-IRS tal-ogħla (l-inqas) barmil.

3. Il-parametri tal-bramel għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi relattiva jew assoluta meta:

    - tintuża l-bażi relattiva, l-IRSs tal-istituzzjonijiet membri jiddependu fuq il-pożizzjoni ta' riskju relattiva vis-à-vis istituzzjonijiet oħra; f'dan il-każ, l-istituzzjonijiet jitqassmu b'mod ugwali bejn il-bramel tar-riskju, li jfisser li istituzzjonijiet bi profili tar-riskju simili jistgħu jispiċċaw fi bramel differenti;

    - meta tintuża l-bażi assoluta, il-limiti tal-bramel jiġu stabbiliti sabiex jirriflettu kemm huwa riskjuż indikatur speċifiku; f'dan il-każ, l-istituzzjonijiet kollha jistgħu jispiċċaw fl-istess barmil jekk kollha jkollhom l-istess livell ta' riskju.

4. Għal kull indikatur tar-riskju, il-limiti tal-bramel stabbiliti fuq il-bażi assoluta għandhom jiżguraw li hemm differenzazzjoni suffiċjenti u sinifikanti tal-istituzzjonijiet membri. Il-kalibrar tal-limitu għandu jqis ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-istituzzjonijiet membri u d-data storika dwar il-valuri tal-indikatur, meta dawn ikunu disponibbli. Is-SGD għandha tevita l-kalibrar ta' parametri b'tali mod li l-istituzzjonijiet membri kollha, minkejja li jirrappreżentaw differenzi sinifikanti fil-qasam imkejjel b'indikatur ta' riskju partikolari, jiġu kklassifikati fl-istess barmil.

5. Għal kull indikatur tar-riskju, l-IRSs assenjati għall-bramel għandhom ivarjaw bejn 0 u 100, fejn 0 jindika l-inqas riskju u 100 l-ogħla riskju.

**Kaxxa 4 – Eżempji ta' punteġġ tal-bramel skont it-tip ta' indikatur tar-riskju**

L-eżempji li ġejjin juru kif il-punteġġi ta' riskju individwali (IRSs), minn 0 sa 100, għandhom jiġu assenjati għal diversi bramel għal tipi differenti ta' indikaturi tar-riskju.

Xenarju 1

Ħamest ibramel; indikatur tar-riskju li għalih valuri ogħla jindikaw riskju ogħla (pereżempju, proporzjon NPL)

| Bramel | Limiti | IRS |
|---|---|---|
| Barmil 1 | < 2% | 0 |
| Barmil 2 | ≤ 2 – 3.5% < | 25 |
| Barmil 3 | ≤ 3.5 – 5% < | 50 |
| Barmil 4 | ≤ 5 - 7% < | 75 |
| Barmil 5 | ≥ 7% | 100 |

Xenarju 2

Tlett ibramel; indikatur tar-riskju li għalih valuri ogħla jindikaw riskju ogħla (pereżempju, proporzjon NPL)

| Bramel | Limiti | IRS |
|---|---|---|
| Barmil 1 | < 2% | 0 |
| Barmil 2 | ≤ 2 - 7% > | 50 |
| Barmil 3 | ≥ 7% | 100 |

Xenarju 3

Erbat ibramel; indikatur tar-riskju li għalih valuri ogħla jindikaw inqas riskju (pereżempju, proporzjon tal-likwidità)

| Bramel | Limiti | IRS |
|---|---|---|
| Barmil 1 | > 60% | 0 |
| Barmil 2 | < 40 – 60% ≤ | 33 |
| Barmil 3 | < 20 - 40% ≤ | 66 |
| Barmil 4 | ≤ 20% | 100 |

Xenarju 4

Żewġt ibramel; indikatur tar-riskju b'valuri binarji li jistgħu jkunu newtrali jew negattivi għall-valutazzjoni tal-profil tar-riskju (pereżempju, Proporzjon tat-tkabbir eċċessiv tal-karta tal-bilanċ)

| Bramel | Limiti | IRS |
|---|---|---|
| Barmil 1 | < 15% | 50 |
| Barmil 2 | ≥ 15% | 100 |

Xenarju 5

Żewġt ibramel; indikatur tar-riskju b'valuri binarji li jistgħu jkunu kemm pożittivi kif ukoll newtrali għall-valutazzjoni tal-profil tar-riskju (pereżempju, istituzzjoni li tappartjeni għas-settur b'riskju baxx regolat bil-liġi nazzjonali għandha titqies bħala inqas riskjuża, filwaqt li l-istituzzjonijiet li ma jappartjenux għas-setturi b'riskju-baxx għandhom jitqiesu li joħolqu riskju medju).

| Bramel | Limiti | IRS |
|---|---|---|
| Barmil 1 | Istituzzjoni li tappartjeni għal settur b'riskju baxx | 0 |
| Barmil 2 | Istituzzjoni li ma tappartjenix għas-settur b'riskju baxx | 50 |

Xenarju 6

Tlett ibramel; indikatur tar-riskju b'interpretazzjoni mhux standard tar-riżultati (pereżempju RoA), meta ż-żewġ valuri negattivi (telf) kif ukoll il-valuri eċċessivi tal-indikatur jistgħu jindikaw li l-istituzzjoni għandha profil ta' riskju għoli.

| Bramel | Limiti | IRS |
|---|---|---|
| Barmil 1 | ≤ 0 – 2% ≤ | 0 |
| Barmil 2 | < 2 – 15% ≤ | 50 |
| Barmil 3 | < 0% jew > 15% | 100 |

Jekk jogħġbok kun af li fl-eżempji tax-Xenarji 1-4, l-immappjar tal-punteġġi ta' riskju individwali (IRS) għal bramel huwa lineari (pereżempju 0 – 33 – 66 – 100). Dan mhuwiex ir-rekwiżit ġenerali u għal xi indikaturi tar-riskju, l-applikazzjoni ta' allokazzjoni mhux simetrika tal-IRS bejn 0-100 (pereżempju, 0 – 25 – 50 – 90 – 100) tista' tiġi garantita sabiex il-każijiet meta l-istituzzjoni ssir iktar riskjuża b'mod sinifikanti meta l-valur tal-indikatur jilħaq limitu speċifiku, jiġu riflessi kif xieraq.

*Punteġġ tar-riskju aggregat (ARS)*

6. Kull IRS għal istituzzjoni "i" għandu jiġi mmultiplikat bil-ponderazzjoni tal-indikatur ($IW_j$) assenjata għal indikatur ta' riskju speċifiku. Imbagħad għandu jingħadd ma' punteġġ ta' riskju aggregat (*ARS*$_i$) li juża medja aritmetika.

7. Il-piżijiet assenjati għal kull indikatur "i" ($IW_j$) għandhom ikunu l-istess għall-istituzzjonijiet kollha u jiġu kkalibrati billi jintużaw valutazzjoni superviżorja u/jew data storika dwar il-fallimenti ta' istituzzjonijiet.

8. L-istruttura tal-mudell deskritt tista' tkun kif ġej:

| Indikaturi tar-riskju | Ponderazzjoni tal-indikatur | Bramel | Punteġġi tar-riskju individwali (IRS) |
|---|---|---|---|
| Indikatur $A_1$ | $IW_1$ | $A_1$ | $IRS_{A_1}$ |
| | | $B_1$ | $IRS_{B_1}$ |
| | | … | … |
| | | $M_1$ | $IRS_{M_1}$ |
| Indikatur $A_2$ | $IW_2$ | $A_2$ | $IRS_{A_2}$ |
| | | $B_2$ | $IRS_{B_2}$ |
| | | … | … |
| | | $M_2$ | $IRS_{M_2}$ |
| | | | |
| … | … | … | … |
| | | | |
| Indikatur $A_n$ | $IW_n$ | $A_n$ | $IRS_{A_n}$ |
| | | $B_n$ | $IRS_{B_n}$ |
| | | … | … |
| | | $M_n$ | $IRS_{M_n}$ |

9. Il-punteġġ ta' riskju aggregat ($ARS_i$) għal istituzzjoni "i" għandu jiġi kkalkolat għal kull istituzzjoni skont il-formola li ġejja:

$$ARS_i = \sum_{j=1}^{n} IW_j * IRS_j$$

Meta:

$\sum_{j=1}^{n} IW_j = 100\%$, u

$IRS_j = IRS_{X_j}$, għal xi $X$ fi $\{A, B, \dots, M\}$ (jiġifieri, il-barmil korrispondenti għall-indikatur $A_j$)

*Ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW)*

10. Kull $ARS_i$ għandu jkollu piż ta' riskju aggregat korrispondenti ($ARW_i$), li għandu jintuża għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni ta' istituzzjoni membru individwali ($C_i$) skont il-formola ta' kontribuzzjoni speċifikata fil-paragrafu 35 ta' dawn il-linji gwida.

*Klassijiet ta' riskju*

11. L- ARW tista' tiġi kkalkolata permezz tal-metodu tal-barmil, meta l-firxiet għall-ARS jiġu ddefiniti b'tali mod li jikkorrispondu għal klassi ta' riskju partikolari u l-ARW (ara t-tabella ta' hawn taħt).

| Klassi ta' Riskju | Limiti tal-punteġ ta' riskju aggregat (*ARS*) | Ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW) |
|---|---|---|
| 1 | $a_1 \leq a_2$ | $ARW_1$ |
| 2 | $a_3 \leq a_4$ | $ARW_2$ |
| 3 | $a_5 \leq a_6$ | $ARW_3$ |
| … | … | … |

12. In-numru ta' klassijiet ta' riskju għandu jkun proporzjonat għan-numru u l-varjetà ta' istituzzjonijiet membri tas-SGD. Madankollu, in-numru minimu ta' klassijiet ta' riskju għandu jkun erba'. Tal-inqas għandu jkun hemm klassi ta' riskju waħda għal istituzzjonijiet membri b'riskju medju, tal-inqas klassi ta' riskju waħda għal membri b'riskju baxx, u tal-inqas żewġ klassijiet ta' riskju għal istituzzjonijiet b'riskju għoli.

**Kaxxa 5 – Eżempju – applikazzjoni ta' ponderazzjonijiet tar-riskju aggregati għal istituzzjonijiet**

L-eżempju li ġej juri kif il-ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW) tista' tiġi assenjata għall-istituzzjonijiet membri fuq il-bażi tal-valuri tal-punteġġi tar-riskju aggregat u jekk wieħed jassumi li hemm erba' klassijiet ta' riskju b'ponderazzjonijiet tar-riskju (75%, 100%, 125% u 150%) assenjati għal kull klassi bil-mod li ġej:

| Klassi ta' riskju | Limiti għall-ARS | ARW |
|---|---|---|
| 1 | < 40 | 75% |
| 2 | ≤ 40 – 55 < | 100% |
| **3** | **≤ 55 – 70 <** | **125%** |
| 4 | ≥ 70 | 150% |

Pereżempju, jekk l-ARS għal istituzzjoni speċifika huwa ta' 62, din l-istituzzjoni għandha tiġi kklassifikata fit-tielet klassi ta' riskju u l-ARW ta' 125% għandu jiġi assenjat lilha.

### *(ii) Il-metodu "sliding scale"*

*Indikaturi tar-riskji individwali*

13. F'dan il-metodu, għal kull istituzzjoni, il-Punteġġ ta' Riskju Individwali ($IRS_j$) se jiġi kkalkolat għal kull indikatur tar-riskju $A_j$. Kull indikatur għandu jkollu parametru superjuri u inferjuri, $a_j$ u $b_j$ għandhom ikunu ddefiniti. Meta valur ta' indikatur ogħla jindika istituzzjoni iktar riskjuża u l-indikatur huwa iktar mill-parametru superjuri, il- $IRS_j$ se jkun valur stabbilit ta' 100. B'mod simili, meta l-valur tal-indikatur ikun inqas mill-parametru inferjuri, il- $IRS_j$ se jkun 0. B'mod analogu, jekk indikatur inqas jindika sitwazzjoni iktar riskjuża u l-indikatur ikun inqas mill-parametru inferjuri, il- $IRS_j$ se jkun valur stabbilit ta' 100. B'mod korrispondenti, meta l-valur tal-indikatur ikun iktar mil-limitu superjuri, il- $IRS_j$ se jkun 0.

14. Jekk il-valur tal-indikatur huwa bejn il-limiti definiti, il- $IRS_j$ se jkun bejn 0 u 100. Kull $IRS_j$ għandu piż ta' riskju predeterminat li jintuża għall-kalkolu tal-punteġġ tar-riskju aggregat għal kull istituzzjoni "i" ($ARS_i$.) Minħabba kif inhu mfassal, f'dan il-mudell, il- $ARS_i$ dejjem se jkollu valur ta' bejn 0 u 100.

15. Għal kull indikatur tar-riskju, determinazzjoni tal-limiti superjuri u inferjuri $a_j$ u $b_j$għandhom jiżguraw li jkun hemm differenzazzjoni suffiċjenti u sinifikanti tal-istituzzjonijiet membri. Il-kalibrar ta' dawn il-parametri għandu jqis ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-istituzzjonijiet membri u d-data storika dwar il-valuri tal-indikatur, meta dawn ikunu disponibbli. Is-SGD għandha tevita milli tikkalibra l-parametri superjuri u inferjuri b'tali mod li l-istituzzjonijiet membri kollha, minkejja differenzi sinifikanti fil-qasam imkejjel minn indikatur tar-riskju partikolari, jaqa' b'mod persistenti f'livell taħt il-limitu inferjuri jew ogħla mill-parametru superjuri.

16. L-istruttura tal-mudell deskritt tista' tkun kif ġej:

| Indikaturi tar-riskju | Ponderazzjoni tal-indikatur | Limitu superjuri | Limitu inferjuri | Punteġġi tar-riskju individwali (IRS) |
|---|---|---|---|---|
| Indikatur $A_1$ | $IW_1$ | $a_1$ | $b_1$ | $IRS_1$ |
| Indikatur $A_2$ | $IW_2$ | $a_2$ | $b_2$ | $IRS_2$ |
| … | … | … | … | … |
| Indikatur $A_n$ | $IW_n$ | $a_n$ | $b_n$ | $IRS_n$ |

Meta:

$\sum_{j=1}^{n} IW_j = 100\%.$

17. Għal kull indikatur tar-riskju $\mathrm{A}_j$, il-valur tiegħu se jkun jikkorrispondi għal punteġġ tal-eżitu ($IRS_j$), kif definit hawn taħt:

$$IRS_j = \begin{cases} 100 & if\ A_j > a_j \\ 0 & if\ A_j < b_j \\ \dfrac{A_j - b_j}{a_j - b_j}\ x\ 100, & if b_j \leq A_j \leq a_j \end{cases}$$

, fejn j=1...n

jew

$$IRS_j = \begin{cases} 0 & if\ A_j > a_j \\ 100 & if\ A_j < b_j \\ \dfrac{a_j - A_j}{a_j - b_j}\ x\ 100, & if b_j \leq A_j \leq a_j \end{cases}$$

, fejn j=1...n

*Punteġġ tar-riskju aggregat (ARS)*

18. Il-punteġġ tar-riskju aggregat ( $ARS_i$ ) għal istituzzjoni "i" se jiġi kkalkolat bħala $ARS_i = \sum_{\mathrm{j}=1}^{\mathrm{n}} IW_{\mathrm{j}} * IRS_{\mathrm{j}}$.

*Ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW)*

19. L-$ARS_i$ jista' jissarraf f'ponderazzjoni tar-riskju aggregata ($ARW_i$) billi jintuża l-metodu "sliding scale" bbażat jew fuq formula lineari jew fuw formula esponenzjali.

20. Il-formula lineari li ġejja tista' tintuża biex l-$ARS_i$ jissarraf fl-$ARW_i$:

$$ARW_i = \beta + (\alpha - \beta) * ARS_i/100$$

F'dan il-metodu, il- $ARW_i$ assoċjati mal- $ARS_i$ huwa lineari, b'limitu superjuri u inferjuri, $\alpha$ u $\beta$, pereżempju, 150% u 75%, rispettivament. Għal istituzzjoni partikolari meta il- $ARS_i$ ikun 100 (l-iktar riżultat riskjuż), il-ponderazzjoni tar-riskju korrispondenti se tkun α, l-ogħla ponderazzjoni tar-riskju. B'mod simili, jekk il- $ARS_i$ ikun ta' 0, il-ponderazzjoni tar-riskju korrispondenti se tkun ta' $\beta$, l-inqas ponderazzjoni tar-riskju. Il-grafika ta' hawn taħt turi l-imġiba lineari tal-formula ssuġġerita.




21. Il-formola esponenzjali li ġeja tista' tintuża sabiex l-$ARS_i$ jissarraf fl-$ARW_i$

►**C1**

$$ARW_i = \beta + (\alpha - \beta) * (1 - \log_{10}(10 - 9 * \left(\frac{ARS_i}{100}\right)))$$

►**O**

F'dan il-metodu, il- $ARW_i$ assoċjati mal- $ARS_i$ huwa esponenzjali, b'limitu superjuri u inferjuri, $\alpha$ u $\beta$, pereżempju 150% u 75%. Għal istituzzjoni partikolari meta il- $ARS_i$ ikun 100 (l-iktar riżultat riskjuż), il-ponderazzjoni tar-riskju korrispondenti se tkun α, l-ogħla ponderazzjoni tar-riskju. B'mod simili, jekk il- $ARS_i$ ikun ta' 0, il-ponderazzjoni tar-riskju korrispondenti se tkun ta' $\beta$, l-inqas ponderazzjoni tar-riskju. Il-grafika ta' hawn taħt turi l-imġiba mhux lineari tal-formula ssuġġerita b'tali mod li jkun hemm żieda ikbar fil-kontribuzzjoni meta istituzzjoni tkun fuq in-naħa għolja fl-iskala tar-riskju. Il-formola tippreżenta inċentiv ikbar sabiex l-istituzzjonijiet iġibu punteġġ ta' riskju inqas, meta mqabbel mal-metodu lineari. Il-metodu ta' kalkolu jista' jinkludi wkoll metodi mhux lineari minbarra dak logaritmiku ppreżentat f'dan l-anness.


160
150
140
130
120
110
100
90
80
70
0
4
8
12
16
20
24
28
32
36
40
44
48
52
56
60
64
68
72
76
80
84
88
92
96
100

# Anness 2 - Deskrizzjoni tal-indikaturi tar-riskju ewlenin

| Isem l-indikatur | Formula / Deskrizzjoni | Kummenti | Sinjal |
|---|---|---|---|
| **1. Kapital** | | | |
| 1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ | $\frac{\text{Tier 1 Capital}}{\text{Total Assets}}$<br>Din il-formola għandha tiġi sostitwita bil-proporzjon ta' ingranaġġ kif definita fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ladarba tibda tidħol kompletament fis-seħħ. | L-għan tal-proporzjon ta' ingranaġġ huwa li jkejjel il-pożizzjoni kapitali tkun xi tkun il-ponderazzjoni tar-riskju tal-assi. | (-)<br>Valur ogħla jindika inqas riskju |
| 1.2. Proporzjon ta' kopertura tal-kapital | $\frac{\text{Actual CET1 ratio}}{\text{Required CET1 ratio}}$<br>jew<br>$\frac{\text{Actual own funds}}{\text{Required own funds}}$ | Il-proporzjon ta' kopertura tal-kapital jkejjel il-kapital attwali miżmum minn istituzzjoni membru oltre r-rekwiżiti kapitali totali applikabbli għal dik l-istituzzjoni, inklużi fondi proprji addizzjonali meħtieġa skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE. | (-)<br>Valur ogħla jindika inqas riskju |
| 1.3. Proporzjon ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni | $\frac{\text{Common Equity Tier 1 Capital}}{\text{Risk Weighted Assets}}$<br>Meta:<br>"assi mwieżna għar-riskju" tfisser l-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kif definit fl-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 | Il-proporzjon CET1 jesprimi l-ammont ta' kapital miżmum minn istituzzjoni. Proporzjon għoli jindika kapaċità ta'-assorbiment tajjeb tat-telf li jista' jimmitiga riskji mill-attivitajiet kummerċjali tal-istituzzjoni. | (-)<br>Valur ogħla jindika mitigazzjoni aħjar tar-riskju |
| **2. Likwidità u finanzjament** | | | |
| 2.1. Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR) | Il-proporzjon LCR kif definit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ladarba jidħol kompletament fis-seħħ. | L-għan tal-proprozjon LCR huwa li jkejjel il-ħila ta' istituzzjoni li tissodisfa l-obbligi ta' dejn tagħha fuq perjodu qasir meta jsiru dovuti. Iktar ma jkun għoli l-proporzjon, iktar ma jkun kbir il-marġni ta' sikurezza sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi u n-nuqqasijiet mhux previsti ta' likwidità. | (-)<br>Proporzjon ogħla jindika inqas riskju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.2. Proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NSFR) | Il-proporzjon NSFR kif definit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta jidħol kompletament fis-seħħ. | L-għan tal-proporzjon NSFR huwa li jkejjel il-ħila ta' istituzzjoni li tqabbel il-maturità tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħha. Iktar ma jkun għoli l-proporzjon, iktar tkun imqabbla tajjeb il-maturità u iktar ikun baxx ir-riskju tal-finanzjament. | (-) Proporzjon ogħla jindika inqas riskju |
| 2.3. Proporzjon ta' likwidità (definizzjoni nazzjonali) | $\frac{\text{Liquid Assets}}{\text{Total Assets}}$<br>Meta:<br>"assi likwidi" kif definiti fir-regolamenti nazzjonali għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (għandhom jiġu sostitwiti mill-proporzjon LCR meta jkun fis-seħħ). | Indikatur tranżizzjonali.<br>L-għan tal-proporzjon tal-likwidità huwa li jkejjel il-ħila tal-istituzzjoni li tissodisfa l-obbligi ta' dejn fuq perjodu qasir li għandha meta jsiru dovuti. Iktar ma jkun għoli l-proporzjon, iktar ma jkun kbir il-marġni ta' sikurezza sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi u n-nuqqasijiet mhux previsti ta' likwidità. | (-)<br>Valur ogħla jindika inqas riskju |
| **3. Kwalità tal-assi** | | | |
| 3.1. Proporzjon ta' self improduttiv (proporzjon NPL) | $\frac{\text{Non Performing Loans}}{\text{Total Loans and Debt Instruments}}$<br>jew inkella, f'każijiet li fihom l-istandards nazzjonali kontabilistiċi jew tar-rapportar ma jimponux fuq l-istituzzjonijiet l-obbligu li jirrapportaw data dwar Strumenti ta' dejn:<br>$\frac{\text{Non Performing Loans}}{\text{Total Loans}}$<br>Fejn (fiż-żewġ każijiet):<br>"self improduttiv" kif definit fir-regolamenti nazzjonali għall-finijiet ta' superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.<br>"Self improduttiv" għandu jiġi rrapportat gross mill-provvedimenti. | Il-proporzjon NPL jagħti indikazzjoni tat-tip ta' self li istituzzjoni tkun involuta fih. Grad għoli ta' telf ta' kreditu fil-portafoll ta' self jindika self lil segmenti / klijenti b'riskju għoli | (+)<br>Valur ogħla jindika riskju ogħla |
| **4. Mudell ta' negozju u maniġment** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4.1. Assi mwieżna għar-riskju (RWA) / Proporzjon ta' assi totali | $\frac{\text{Risk Weighted Assets}}{\text{Total Assets}}$<br><br>Meta:<br>"assi mwieżna għar-riskju" tfisser l-ammont totali ta' skopertura tar-riskju kif definita fl-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 | Il-livell ta' RWA jagħti indikazzjoni tat-tip ta' self li istituzzjoni tkun involuta fih. Proporzjon għoli jindika li istituzzjoni hija involuta f'attivitajiet riskjużi.<br>Għal dan il-proporzjon, il-linji gwida jippermettu l-użu ta' kalibrar differenti għal istituzzjonijiet li jużaw metodi avvanzati (pereżempju, IRB) jew metodi standardizzati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji minimi. | (+)<br>Valur ogħla jindika riskju ogħla |
| 4.2. Redditu fuq l-assi (RoA) | $\frac{\text{Net Income}}{\text{Total Assets}}$ | L-RoA ikejjel il-kapaċità ta' istituzzjoni li tiġġenera profitti. Mudell ta' negozju li kapaċi jiġġenera redditu għoli u stabbli jindika inqas riskju. Madankollu, livelli insostenibbilment għolja ta' RoA jindikaw riskju ogħla wkoll. Istituzzjonijiet li għandhom restrizzjonijiet fuq il-livell ta' profittabilità tagħhom minħabba dispożizzjonijiet skont il-liġi nazzjonali jew fl-istatuti tagħhom, ma għandhomx ikunu żvantaġġati mill-metodu ta' kalkolu.<br>Sabiex jiġi evitat milli jiddaħħlu avvenimenti ta' darba biss u tiġi evitata l-proċikliċità fil-kontribuzzjonijiet, għandha tintuża medja ta' tal-inqas sentejn. | (+)/(-)<br>Valuri negattivi jindikaw riskju ogħla iżda valuri għoljin wisq jistgħu jindikaw riskju għoli wkoll |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | | | |
| 5.1. Assi mhux aggravati / Depożiti koperti | $\frac{\text{Total Assets} - \text{Encumbered Assets}}{\text{Covered Deposits}}$<br><br>Meta: "assi aggravati" huma ddefiniti fil-linji gwida tal-EBA dwar id-dikjarazzjoni tal-assi aggravati u l-assi mhux aggravati | Dan il-proporzjon ikejjel il-grad ta' rkupri mistennija mill-patrimonju ta' falliment tal-istituzzjoni li ġiet solvuta jew imqiegħda fi proċeduri ta' insolvenza normali.<br>Istituzzjoni bi proporzjon baxx tesponi s-SGD għal telf ogħla mistenni. | (-)<br>Valur ogħla jindika inqas riskju |

# Anness 3 – Deskrizzjoni tal-indikaturi tar-riskju addizzjonali

1. Il-lista li ġejja ta’ indikaturi tar-riskju addizzjonali hija pprovduta għal skopijiet ta’ wiri biss.
2. Meta d-data dwar oġġetti speċifiċi użati fil-formuli ppreżentati hawn taħt ma tkunx koperta mill-mudelli nazzjonali ta’ rrapportar finanzjarju jew regolatorju, is-SGD tista’ tuża oġġetti ekwivalenti mill-mudelli nazzjonali tagħha.

| Isem l-indikatur | Formula / Deskrizzjoni | Kummenti | Sinjal |
|---|---|---|---|
| **3. Kwalità tal-assi** | | | |
| Livell ta’ trażżin | $\frac{\text{Exposures with forbearance measures}}{\text{Total corresponding instrument on the balance sheet}}$<br><br>Meta:<br>“skoperturi b’miżuri ta’ trażżin” kif definiti fil-linji gwida tal-EBA dwar ir-rapportar ta’ superviżjoni dwar it-trażżin u l-iskoperturi improduttivi | Dan il-proporzjon ikejjel ir-riskju safejn il-kontrapartijiet ta’ istituzzjoni ingħataw modifika tal-patti u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta’ self tagħhom. Il-proporzjon jagħti informazzjoni dwar il-politika ta’ trażżin tal-istituzzjoni u jista’ jitqabbel mal-livell ta’ inadempjenza stess. Valur għoli ta’ dan il-proporzjon jindika problemi magħrufa fil-portafoll tas-self tal-istituzzjonijiet jew kwalità baxxa potenzjali ta’ assi oħra. | (+)<br>Valur ogħla jindika riskju ogħla |
| **4. Mudell ta’ negozju u maniġment** | | | |
| Konċentrazzjonijiet tas-settur fil-portafoll tas-self | $\frac{\text{Exposures from the sector with the highest concentrations}}{\text{Total loan portfolio}}$ | L-għan ta’ dan l-indikatur huwa li jkejjel ir-riskju ta’ telf ta’ kreditu sostanzjali mġarrab bħala riżultat ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku f’settur speċifiku tal-ekonomija li għalih hija esposta ħafna istituzzjoni. | (+)<br>Valur ogħla jindika riskju ogħla |
| Skoperturi kbar | $\frac{\text{Large exposures}}{\text{Eligible capital}}$<br><br>Meta:<br>“skoperturi kbar” kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>“kapital eliġibbli” kif definit fil-punt 71 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 575/2013 | L-għan ta’ dan l-indikatur huwa li jkejjel ir-riskju ta’ telf ta’ kreditu sostanzjali mġarrab bħala riżultat ta’ falliment ta’ kontraparti individwali jew grupp ta’ kontrapartijiet konnessi. | (+)<br>Valur ogħla jindika riskju ogħla |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proporzjon ta' tkabbir eċċessiv tal-karta tal-bilanċ | $\frac{[\text{Total Assets in year T} - \text{Total Assets in year (T} - 1)]}{\text{Total Assets in year (T} - 1)}$ | Dan l-indikatur ikejjel ir-rata ta' tkabbir tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni. Tkabbir insostenibbilment għoli jista' jindika riskju ogħla. Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u t-tkabbir tagħhom għandhom jiġu inklużi wkoll. Meta jiġu stabbiliti l-limiti għal dan l-indikatur, hemm bżonn li jiġi stabbilit x'livell ta' tkabbir jitqies riskjuż wisq. Dan għandu jikkunsidra t-tkabbir tal-ekonomija fi Stat Membru speċifikat jew is-settur bankarju nazzjonali. Meta jintuża dan l-indikatur għandhom jiġu definiti regoli speċjali għal istituzzjonijiet ġodda u għal entitajiet li kienu involuti f'fużjonijiet jew akkwisti fl-aħħar ftit snin.<br>Sabiex jiġu evitati avvenimenti ta' darba biss meta jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet, għandu jintuża t-tkabbir medju osservat matul l-aħħar tliet snin. | (+)<br>Valuri li jaqbżu livell predefinit ta' tkabbir eċċessiv jindikaw riskju ogħla |
| Redditu ta' ekwità (RoE) | $\frac{\text{Net Profit}}{\text{Total Equity}}$ | Dan il-proporzjon ikejjel il-ħila tal-istituzzjonijiet li jiġġeneraw profitti għall-azzjonisti mill-kapital li dawn investew fl-istituzzjoni. Mudell ta' negozju li kapaċi jiġġenera redditu għoli u stabbli, jindika probbabbiltà inqas ta' falliment. Madankollu, livelli insostenibbilment għoljin ta' RoE jindikaw riskju ogħla wkoll. Ċerti istituzzjonijiet jista' jkollhom restrizzjonijiet fuq il-livell ta' profittabilità tagħhom fuq il-bażi tal-istruttura ta' sjieda tagħhom u għalhekk ma għandhomx ikunu żvantaġġati mill-metodu ta' kalkolu.<br>Sabiex jiġu evitati avvenimenti ta' darba biss u sabiex tiġi evitata proċikliċità meta jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet, għandha tintuża medja ta' mill-inqas sentejn. | (-)/(+)<br>Valuri negattivi jindikaw riskju ogħla. Madankollu, valuri għoljin wisq jistgħu jindikaw riskju għoli wkoll |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proporzjon ta' qligħ ewlieni | $$\frac{\text{Core earnings}}{\text{Total loan portfolio}}$$ Meta: "qligħ ewlieni" jista' jiġi kkalkolat bħala (introjtu mill-interessi + introjtu mit-tariffi u l-kummissjonijiet + introjtu operatorju ieħor) - (spejjeż tal-imgħax + spejjeż tat-tariffi u l-kummissjonijiet + spejjeż operatorji oħra + spejjeż amministrattivi + deprezzament) | Il-proporzjon tal-qligħ ewlieni jkejjel il-ħila ta' istituzzjoni li tiġġenera qligħ mil-linji operatorji ewlenin. Mudell ta' negozju li kapaċi jiġġenera qligħ għoli u stabbli jindika probabbiltà inqas ta' falliment. Sabiex jiġu evitati avvenimenti ta' darba biss u sabiex tiġi evitata proċikliċità meta jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet, għandha tintuża medja ta' mill-inqas sentejn. | (-) Valur ogħla jindika inqas riskju |
| Proporzjon tal-kost għall-introjtu | $$\frac{\text{Operating costs}}{\text{Operating income}}$$ | Dan il-proporzjon ikejjel il-kosteffiċjenza tal-istituzzjoni. Proporzjon għoli iktar mis-soltu jista' jindika li l-ispejjeż tal-istituzzjoni mhumiex ikkontrollati, speċjalment jekk rappreżentati mill-ispejjeż fissi (jiġifieri riskju ogħla). Proporzjon baxx ħafna jista' jindika li l-ispejjeż operatorji huma baxxi wisq biex l-istituzzjoni jkollha fis-seħħ il-funzjonijiet ta' riskju u kontroll meħtieġa (jiġifieri anki dan jindika riskju ogħla). | (+)/(-) Valuri tal-proporzjon li huma għoljin wisq jindikaw riskju ogħla; madankollu, anki valuri li huma baxxi wisq jistgħu jindikaw riskju ogħla |
| Obbligazzjonijiet barra l-karta bilanċjali / Assi totali | $$\frac{\text{Off balance sheet liabilities}}{\text{Total Assets}}$$ | Skoperturi kbar li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ jindikaw li l-iskopertura ta' istituzzjoni għar-riskju tista' tkun ikbar minn dik riflessa fil-karta tal-bilanċ tagħha. | (+) Valur ogħla jindika riskju ogħla |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Valutazzjoni kwalitattiva tal-kwalità tal-immaniġġjar u arranġamenti ta' governanza interna | Skont id-disponibilità tad-data u l-kapaċità operattiva tas-SGD, il-valutazzjoni tal-aspetti kwalitattivi tal-istituzzjonijiet membri tagħha tista' tkun ibbażata fuq is-sorsi ta' informazzjoni li ġejjin:<br>- kwestjonarji magħżulin mis-SGD għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-immaniġġjar u l-arranġamenti ta' governanza interna tal-istituzzjonijiet membri tagħha; flimkien ma' spezzjonijiet fuq il-post u/jew mhux fuq il-post imwettqa mis-SGD;<br>- valutazzjoni komprensiva tal-governanza interna tal-istituzzjonijiet riflessa fir-riżultati SREP;<br>- klassifikazzjonijiet esterni assenjati lill-istituzzjonijiet membri kollha minn istituzzjoni esterna rikonoxxuta tal-valutazzjoni tal-kreditu. | Prattiki ta' mmaniġġjar ta' kwalità tajba u prattiki robusti tal-governanza interna jistgħu jimmitigaw ir-riskji affaċċjati mill-istituzzjonijiet membri u jnaqqsu l-probabbiltà ta' falliment.<br>Indikaturi kwalitattivi jħarsu iktar 'il quddiem mill-proporzjonijiet kontabilistiċi u jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar l-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni u t-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju. Sabiex jintużaw fil-metodu ta' kalkolu, l-indikaturi kwalitattivi jridu jkunu disponibbli għall-istituzzjonijiet membri tas-SGD. Barra minn hekk, is-SGD għandha tagħmel sforz biex tiżgura trattament ġust u oġġettiv tal-istituzzjonijiet membri tagħha u li l-valutazzjoni kwalitattiva tkun ibbażata fuq kriterji predefiniti. Il-metodoloġija SGD għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-immaniġġjar u l-arranġamenti ta' governanza interna għandha tinkludi lista ta' kriterji li għandhom jiġu eżaminati fir-rigward ta' kull istituzzjoni membru. | (+)/(-)<br>Ġudizzju kwalitattiv jista' jkun kemm pożittiv kif ukoll negattiv |
| Sħubija f'IPS meta l-IPS tkun separata mis-SGD | $\frac{\text{Available ex ante funds in the IPS}}{\text{Total assets of the individual IPS member}}$ | L-indikatur tas-sħubija f'IPS ikejjel il-livell ta' finanzjament *ex-ante* tal-IPS.<br>Is-sħubija f'IPS, meta l-bqija kollox ikun l-istess, għandha tnaqqas ir-riskju ta' falliment tal-istituzzjoni għaliex l-iskema tassigura n-naħa tal-obbligazzjoni kollha tal-karta tal-bilanċ għall-membri tagħha. Madankollu, sabiex il-protezzjoni tal-IPS tkun rikonoxxuta bis-sħiħ, din għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet addizzjonali relatati mal-livell tal-finanzjament *ex-ante* tagħha. Dan l-indikatur addizzjonali indikattiv jista' jiġi rfinut iktar biex jirrifletti, minbarra fondi *ex-ante*, impenji ta' finanzjament disponibbli addizzjonali eżerċitabbli fuq talba u sostnuti mir-riżervi ta' likwidità miżmuma mill-membri IPS fl-istituzzjonijiet ċentrali tal-IPS. | (-)<br>Sħubija fl-IPS b'livell ogħla ta' finanzjamen t *ex-ante* tindika inqas riskju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Rwol sistemiku fi skema ta’ IPS rikonoxxuta uffiċjalment bħala SGD | L-indikatur jista’ jkollu żewġ valuri:<br>(i) l-istituzzjoni għandha rwol sistemiku fl-IPS; jew<br>(ii) l-istituzzjoni ma għandhiex rwol sistemiku fl-IPS | Il-fatt li istituzzjoni għandha rwol sistemiku fl-IPS, pereżempju billi tipprovdi lill-membri oħrajn tal-IPS b’funzjonijiet kritiċi, jimplika li l-falliment tagħha jista’ jkollu impatt negattiv fuq il-vijabbiltà ta’ membri oħrajn tal-IPS. Għalhekk, il-membru sistemiku tal-IPS għandu jħallas kontribuzzjonijiet ogħla lis-SGD sabiex ikun rifless ir-riskju addizzjonali li joħloq għas-sistema. | (+)<br>Valuri binarji biss huma possibbli:<br>(i) jindika riskju ogħla;<br>(ii) ma jindikax riskju ogħla. |
| Setturi b’riskju baxx | L-indikatur jista’ jkollu żewġ valuri:<br>(i) l-istituzzjoni tappartjeni għal settur b’riskju baxx irregolat mil-liġi nazzjonali; jew<br>(ii) l-istituzzjoni ma tappartjenix għal settur b’riskju baxx irregolat mil-liġi nazzjonali | Dan l-indikatur jippermetti sabiex il-metodu ta’ kalkolu jirrifletti l-fatt li xi istituzzjonijiet jappartjenu għal setturi b’riskju- baxx irregolati mil-liġi nazzjonali. Il-motiv huwa li tali istituzzjonijiet għandhom jitqiesu bħala inqas riskjużi għall-finijiet tal-kalkolu ta’ kontribuzzjonijiet lis-SGD. | (-)<br>Valuri binarji biss huma possibbli:<br>(i) jindika inqas riskju;<br>(ii) jindika riskju medju. |
| **5. Telf potenzjali għas-SGD** | | | |
| Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni b’eċċess tal-MREL | $\left[\frac{Own\ funds\ and\ eligible\ liabilities}{Total\ liabilities\ including\ own\ funds}\right] - MREL$<br><br>Meta:<br>“fondi proprji” tfisser is-somma kapitali tal-grad 1 u l-grad 2 b’konformità mad-definizzjoni fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br><br>“obbligazzjonijiet eliġibbli” huma s-somma tal-obbligazzjonijiet imsemmija fil-punt(71) tal-Artikolu 2(1) tal-BRRD;<br><br>“MREL” ifisser ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 45(1) tal-BRRD. | Dan l-indikatur ikejjel il-kapaċità ta’ assorbiment tat-telf tal-istituzzjoni membru. Iktar ma tkun kbira l-kapaċità ta’ assorbiment tat-telf tal-istituzzjoni, iktar ikun baxx it-telf potenzjali għas-SGD. | (-)<br>Valur ogħla jindika inqas riskju |

# Anness 4 – Passi sabiex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet annwali għas-SGD

Meta tinġabar id-data mingħand l-istituzzjonijiet membri tagħha, is-SGD għandha tieħu l-passi li ġejjin sabiex tikkalkola l-kontribuzzjonijiet annwali tal-membri kollha tagħha.

| Pass | Deskrizzjoni tal-pass | Dispożizzjonijiet rilevanti mil -linji gwida |
|---|---|---|
| Pass 1 | Iddefinixxi l-livell annwali fil-mira | Il-paragrafu 37 tal-linji gwida |
| Pass 2 | Iddefinixxi r-rata ta' kontribuzzjoni (CR) applikabbli għall-istituzzjonijiet membri kollha f'sena partikolari | Il-paragrafu 39 tal-linji gwida |
| Pass 3 | Ikkalkola l-valuri tal-indikaturi tar-riskju kollha | Il-paragrafi 48-77 tal-linji gwida (rekwiżiti għall-indikaturi);<br>L-Anness 2 u l-Anness 3 (formoli għall-indikaturi) |
| Pass 4 | Assenja l-punteġġi tar-riskju individwali (IRSs) għall-indikaturi tar-riskju kollha għal kull istituzzjoni membru | Il-paragrafi 1-5 u 13-17 tal-Anness 1 |
| Pass 5 | Ikkalkola l-punteġġ tar-riskju aggregat (ARS) għal kull istituzzjoni billi tgħodd flimkien l-IRSs kollha tiegħu (uża l-medja aritmetrika) | Il-paragrafi 41, 54-56 tal-linji gwida (rekwiżiti għall-ponderazzjonijiet tal-indikaturi);<br>Paragrafi 6-9 u 18 tal-Anness 1 |
| Pass 6 | Assenja ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW) għal kull istituzzjoni membru (ikkategorizza l-istituzzjoni fi klassi ta' riskju) fuq il-bażi tal-ARS tagħha | Il-paragrafi 43-45 tal-linji gwida;<br>Il-paragrafi 10-12, 19-21 tal-Anness 1 |
| Pass 7 | Ikkalkola l-kontribuzzjonijiet mhux aġġustati bbażati fuq ir-riskju għal kull istituzzjoni membru billi timmultiplika r-rata ta' kontribuzzjoni (CR) bid-depożiti koperti tal-istituzzjoni (CD) u l-ARW tagħha | Il-paragrafi 35 tal-linji gwida |
| Pass 8 | Għodd il-kontribuzzjonijiet mhux aġġustati bbażati fuq ir-riskju tal-istituzzjonijiet membri kollha u stabbilixxi l-koeffiċjent ta' aġġustament (μ) | Il-paragrafi 44 tal-linji gwida |
| Pass 9 | Applika l-koeffiċjent ta' aġġustament (μ) għall-istituzzjonijiet membri kollha u kkalkola l-kontribuzzjonijiet aġġustati bbażati fuq ir-riskju | Il-paragrafi 44 tal-linji gwida |